iv. Jassisti f'deċiżjonijiet tekniċi u jissottometti applikazzjonijiet għall-permessi meħtieġa lill-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u entitajiet oħra għall-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti;

v. Iħejji dokumenti tal-offerti, jipparteċipa fl-evalwazzjoni tal-offerti u jikkordina laqgħat tekniċi fi ħdan it-Taqsima, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u ma' awtoritajiet, entitajiet, kunsilli lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi;

vi. Jassisti lill-kap tat-taqsima u liċ-chief architects and civil engineers fl-iżvilupp ta' business plans għat-taqsimiet kostali u tat-taffija tal-għargħar, u jieħu l-passi biex jiżgura l-esekuzzjoni tal-azzjonijiet u l-inizjattivi deskritti f'dawn il-pjanijiet;

vii. Jipprovdi lis-superjuri diretti tiegħu b'informazzjoni, analiżi, pariri, rakkomandazzjonijiet, pjanijiet ta' żvilupp u appoġġ fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi li jkunu se jittieħdu minn din it-taqsima;

viii. Jiżgura kordinazzjoni effettiva bejn l-istaff amministrattiv, professjonali, tekniku u industrijali;

ix. Jikkontribwixxi għat-titjib tal-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni attwali, kif ukoll tal-prattiki ta' xogħol tekniku tat-Taqsima, u jiżgura li l-proġetti jitwettqu skont standards aċċertati lokalment u internazzjonalment;

x. Iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

xi. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin

ii. Plans, designs and implements various coastal and flood relief schemes with a team of architects, engineers, technicians and other assigned workers, and acts as a supervisor in various civil, geotechnical and structural engineering projects for coastal protection and flood relief;

iii. Participates in research projects and implementation of various initiatives by the Public Works Department, local authorities, and European and foreign entities in any area related to Coastal Management and Protection, and Flood Risk Management;

iv. Assists in technical decisions and submits applications for necessary permits to the Planning Authority, the Environment and Resources Authority, and other entities for the implementation of these projects;

v. Prepares tender documents, participates in the evaluation of tenders and co-ordinates technical meetings within the Unit, the Public Works Department, and with authorities, entities, local councils and non-governmental organisations;

vi. Supports the head of unit and the chief architects and civil engineers in developing business plans for the coastal and flood relief sections, and takes steps to ensure the execution of actions and initiatives outlined in these plans;

vii. Provides his direct superiors with information, analysis, advice, recommendations, development plans and support in the implementation of initiatives to be taken by this Unit;

viii. Ensures effective coordination between administrative, professional, technical and industrial staff;

ix. Contributes to improving the current organisation and administration, as well as technical work practices of the Unit, and ensures that projects are carried out in accordance with locally and internationally ascertained standards;

x. Undertakes any other tasks which the superior may delegate to him/her, as may be required; and

xi. Undertakes any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

**Eligibility Requirements**

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil -pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

iii. fil-pussess ta' warrant biex jipprattika bħala Architect and Civil Engineer u li jkollu mill-inqas ħames (5) snin esperjenza rilevanti wara l-gradwazzjoni, tliet (3) snin minnhom għandhom ikunu wara l-kisba tal-warrant;

JEW

matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for.

iii. in possession of a warrant to practice as Architect and Civil Engineer with at least five (5) years relevant experience after graduating, three (3) years of which should be after obtaining warrant;

OR

iv. fil-pussess ta' warrant biex jipprattika bħala Architect and Civil Engineer u li huma fil-pussess ta' kwalifika fil-livell postgraduate rilevanti* (li hija iktar mir-rekwiżiti bażiċi tad-dħul), b'mill-inqas erba' (4) snin esperjenza rilevanti wara li jiggradwaw, li sentejn (2) minnhom għandhom ikunu wara l-kisba tal-warrant.

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' Eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali

iv. in possession of a warrant to practice as Architect and Civil Engineer who are in possession of a relevant postgraduate qualification* (which is over and above the basic entry requirements), with at least four (4) years relevant experience after graduating, two (2) years of which should be after obtaining warrant.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS credits.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 Candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain

li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' Eliġibbiltà meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 Din is-sejħa pubblika qed tiġi ppubblikata flimkien ma' sejħa għas-servizz kollu għall-post ta' Senior Architect and Civil Engineer, kif ippubblikata nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Marzu, 2026, permezz taċ-Ċirkolari Nru HR/MTIP 2/2026. L-applikanti li jirnexxu taħt is-sejħa għas-servizz kollu se jingħataw preċedenza fuq dawk li jirnexxu taħt is-sejħa pubblika. Il-ħatra hija barra minn hekk suġġetta għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti fil-perjodu ta' validità tar-riżultat.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-sezzjoni tar-Reklutaġġ, Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi

to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, the requisite eligibility level required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.5 This public call is being published in concurrence with a service-wide call for the post of Senior Architect and Civil Engineer as published on Friday, 13th March, 2026, through Circular No. HR/MTIP 2/2026. Applicants who are successful under the service-wide call will be given precedence over those who are successful under the public call. Appointment is moreover subject to the availability of vacancies within the validity period of the result.

**Submission of Supporting Documents**

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Selection Procedures**

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

**Submission of Applications**

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Recruitment Section, Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held

lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Marzu, 2026. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf)) jew jinkisbu mid-Direttorat tal-People Management, Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, Blokk H (Ent. B), Triq Antonio Maurizio Valperga, Il-Furjana FRN 1710. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (https://infrastructure.gov.mt/) u (recruitment1.mtip@gov.mt).

It-13 ta' Marzu, 2026

by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 30th March, 2026. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

**Other General Provisions**

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from ((https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf)) or may be obtained from the People Management Directorate, Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works, Block H (Ent. B), Triq Antonio Maurizio Valperga, Floriana FRN 1710. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (https://infrastructure.gov.mt/) and (recruitment1.mtip@gov.mt).

13th March, 2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż**

**Sejħa għall-Applikazzjoni ta' Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO)**

Il-Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż jilqa' applikazzjonijiet għas-Sejħa għal Uffiċjal Kap Eżekuttiv.

Il-kandidat magħżul se jmexxi l-amministrazzjoni u l-operat ta' kuljum tal-Kunsill, jissorvelja l-uffiċjali tal-Kunsill, jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill, u jiżgura governanza effettiva u sorveljanza regolatorja skont il-mandat tal-Kunsill fis-settur tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża f'Malta.

**Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni:**

**Ġenerali, l-Għan tal-Pożizzjoni**

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv imexxi lill-uffiċjali tal-Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż u jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ġenerali u l-maniġment ta' kuljum tal-Kunsill u l-uffiċċju tiegħu. L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill, jipprovdi l-appoġġ amministrattiv u operazzjonali neċessarju għal-laqgħat tiegħu, u jissorvelja l-esekuzzjoni tal-politiki u d-direttivi tiegħu. L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jirrapporta liċ-Chairperson u lill-Kunsill.

**Ir-Responsabbiltajiet Ewlenin**

**Ippjanar u Baġitjar**

Jissorvelja l-kordinazzjoni u t-tħejjija tal-Istimi Finanzjarji annwali tal-Entità u jwettaq l-analiżi preliminari tal-proposti tal-istimi.

Jikkordina t-twaqqif tad-direzzjoni strateġika u l-amministrazzjoni tal-Baġit tal-Entità.

Jikkordina t-tħejjija u t-twettiq tal-pjanijiet strateġiċi u tan-negozju tal-Entità.

Jikkordina l-provvediment tad-direzzjoni tal-politika anzjana dwar it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet u l-baġits operazzjonali fi ħdan l-Entità.

**Maniġment u Affarijiet Tekniċi**

Jassumi r-responsabbiltà sħiħa għall-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tal-Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż u għal dan il-għan, jassenja dawk id-dmirijiet li jistgħu jkunu meħtieġa lil kull uffiċjal jew impjegat.

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**ELT Council Malta**

**Call for Applications – Chief Executive Officer (CEO)**

The ELT Council Malta invites applications for the post of Chief Executive Officer.

The selected candidate will lead the Council's administration and daily operations, oversee the Council's officers, implement the Council's decisions, and ensure effective governance and regulatory oversight in line with the Council's mandate within Malta's English Language Teaching sector.

**Position Description:**

**Overall, Purpose of Position**

The Chief Executive Officer shall head the officers of the English Language Teaching Council and be responsible for the overall administration and day-to-day management of the Council and its office. The Chief Executive Officer shall ensure the effective implementation of the Council's decisions, provide the necessary administrative and operational support for its meetings, and oversee the execution of its policies and directives. The Chief Executive Officer shall report to the Chairperson and to the Council.

**Main Responsibilities**

**Planning and Budgeting**

Oversee the coordination and preparation of the Entity's annual Financial Estimates and conduct preliminary analysis of estimate proposals.

Coordinate the setting of the strategic direction and the administration of the Entity's Budget.

Co-ordinate the preparation and delivery of the Entity's strategic and business plans.

Co-ordinate the provision of senior policy direction on the preparation and implementation of operational plans and budgets within the Entity.

**Management and Technical**

Assume full responsibility for the administration and organization and the administrative control of the officers and employees of the English Language Teaching Council and for such purpose assign to each officer or employee such duties as may be required.

Jiżviluppa l-istrateġiji neċessarji għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Kunsill tal-ELT.

Develop the necessary strategies for the implementation of the objectives of the ELT Council.

Jagħti parir lill-Ministru u lill-Kunsill tal-ELT dwar kwalunkwe materja li dawn jistgħu jirreferu lilu/lilha jew dwar kwalunkwe materja li titqies neċessarja jew xierqa.

Advise the Minister and the ELT Council on any matter they may refer to him/her or on any matter which he/she considers necessary or expedient;

Jirregola u, b'mod ġenerali, jissorvelja x-xogħol tal-Uffiċjali tal-Kunsill tal-ELT skont ir-rekwiżiti u l-istandards regolatorji.

Regulate and generally supervise the work of the ELT Council Officers in accordance with regulatory requirements and standards;

Jikkollabora ma' korpi pubbliċi oħrajn dwar il-provvista tad-data u l-kordinazzjoni ta' attivitajiet b'implikazzjonijiet għall-Kunsill tal-ELT;

Liaise with other public bodies concerning the supply of data and the coordination of activities with implications for the ELT Council;

Iżomm ruħu aġġornat dwar l-iżviluppi internazzjonali rilevanti għax-xogħol billi jsegwi l-letteratura ppubblikata, jattendi konferenzi, sessjonijiet ta' taħriġ u workshops rilevanti, u jipparteċipa f'networking ma' pari biex jgħaddi tali għarfien u jittrasforma tali għarfien f'ideat u proġetti li jtejbu aktar il-Kunsill tal-ELT b'mod partikolari, u l-provvediment ta' servizzi tal-ELT b'mod ġenerali;

Keep updated with international developments relevant to the work by following the published literature, attending relevant conferences, training sessions and workshops and networking with peers to transmit such knowledge and translate such knowledge into ideas and projects that further improve the ELT Council in particular and the provision of ELT services in general;

Iwettaq dmirijiet oħra li l-Ministru jista' jassenja lilu/lilha minn żmien għal żmien.

Perform such other duties as the Minister may assign to him/her from time to time.

Jieħu responsabbiltà ġenerali għall-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kunsill tal-ELT, li għandhom ikunu:

Take overall responsibility for the functions and responsibilities of the ELT Council, which shall be:

a) Joħroġ liċenzji skont ir-regolamenti tal-Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż (A.L. 221 tal-2015, li jissospendi u jirtira liċenzji, u jistabbilixxi u jinforza kundizzjonijiet għal dawn;

a) Issue licences in terms of the English Language Teaching Council regulations (L.N. 221 of 2015), to suspend and withdraw licences and set and enforce conditions thereto;

b) Jissorvelja l-konformità mill-iskejjel, mid-dar, mill-forniturі ta' tagħlim privat, mill-forniturі tat-tagħlim mill-bogħod, mill-għalliema tal-Ingliż mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), ir-regolamenti tal-Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż (A.L. 221 tal-2015), l-Iskedi, il-kundizzjonijiet tal-liċenzji, tal-Permess tal-ELT u tal-Permess tal-ESP kif applikabbli, u r-regoli tal-Kunsill li jista' jiddetermina u jippubblika fuq is-sit web tal-Kunsill minn żmien għal żmien, u biex jieħu dawk il-miżuri kollha li jista' jqis xierqa kontra kwalunkwe skola, fornitur ta' tagħlim privat fid-dar, fornitur ta' tagħlim mill-bogħod, għalliem tal-Ingliż; li jwettaq proċeduri tal-assigurazzjoni tal-kwalità, jistabbilixxi u jżomm ir-regoli, il-mekkaniżmi tar-regolamenti għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-aspetti kollha tas-soġġorni tal-ELT u dwar it-tagħlim mill-bogħod, u li jiżgura l-aderenza għal dawn;

b) Monitor compliance by schools, home, tuition providers, distance learning providers, English Language teachers with the provisions of the Education Act (Cap. 327), the English Language Teaching Council regulations (L.N. 221 of 2015), the Schedules, licence, ELT Permit and ESP Permit conditions as applicable, and Council rules as it may determine and publish on the Council's website from time to time, and to take all such measures it may consider appropriate against any such school, home tuition provider, distance learning provider, English Language teacher thereof; to carry out quality assurance procedures, establish and maintain rules, regulatic mechanisms for quality assurance on all aspects of ELT stays and on distance learning and to ensure adherence thereto;

c) Jiżviluppa u jmantni kurrikuli, valutazzjonijiet u eżamijiet għat-taħriġ u l-kwalifiki professjonali ta' persuni eliġibbli li jsiru għalliema tal-Ingliż u persunal mhux akkademiku ta' appoġġ, u li jissorvelja l-konformità ma' dawn;

c) Develop and maintain curricula, assessments and examinations for the professional training and qualification of persons eligible to become English language teachers and nonacademic support staff, and to monitor compliance thereto;

d) Jiżviluppa u jmantni qafas settorjali għall-kwalifiki tal-ELT b'referenza għall-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki;

e) Jistabbilixxi, jiżviluppa, imantni u jieħu sjieda ta' ditti, marki ta' distinzjoni jew fiduċja, u sinjali ta' assigurazzjoni tal-kwalità, u li jippromovi u jirregola l-użu tagħhom;

f) Jagħti parir lill-Ministru dwar l-istat, l-operazzjoni, il-ħtiġiet u l-prospetti tal-ELT b'mod ġenerali, u, mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara kull sena fil-pożizzjoni, jikkompila u jissottometti rapport annwali dwar dan u dwar il-politiki, il-funzjonijiet u l-pjanijiet tal-Kunsill;

g) Jippreskrivi u jitlob il-miżati pagabbli lill-Kunsill għal kwalunkwe servizz ipprovdut minnu, jew fir-rigward ta' kwalunkwe materja fejn jitqies li għandha tkun pagabbli miżata skont l-Iskeda 2 tar-regolamenti tal-Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż (A.L. 221 tal-2015);

h) Jiddetermina u jimponi multi jew penalitajiet f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità;

i) Jagħti parir dwar u jippromwovi l-proficjenza tal-Ingliż u l-benefiċċji tal-ELT mal-pajjiż kollu; li jiġbor kwalunkwe data neċessarja għat-titjib tas-settur;

j) Iwettaq funzjonijiet oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi minn żmien għal żmien.

k) Jissorvelja l-kordinazzjoni ta' kwalunkwe midja u komunikazzjoni relatata mal-Entità.

Ifittex l-istandardizzazzjoni u s-simplifikazzjoni fil-proċeduri kollha relatati mal-Entità.

Jiżgura li jiġu organizzati sessjonijiet ta' tagħrif kif ikun meħtieġ bil-għan li jiġi aċċertat li l-partijiet ikkonċernati kollha tal-Entità jkunu infurmati bis-sħiħ u mgħarrfa sew dwar ir-regolamenti, il-proċeduri u l-politiki li għandhom x'jaqsmu mal-Entità.

Jiżgura li l-pjanijiet strateġiċi u operazzjonali tal-Entità jitwettqu skont il-baġits approvati.

Jipprovdi tmexxija lill-persunal tal-Entità, u jimmaniġġja l-prestazzjoni tagħhom, parzjalment billi jaqbel magħhom dwar il-pjanijiet tal-prestazzjoni personali, jevalwa l-prestazzjoni tagħhom, jipprovdi feedback regolari, u jispeċifika oqsma għal titjib.

Jirrevedi, f'livell strateġiku, l-użu tar-riżorsi tal-Entità, u jiżgura li dawn qed jintużaw bis-sħiħ u b'mod effettiv b'tali mod li titħeġġeġ il-fiduċja tal-klijenti.

d) to develop and maintain a sectoral framework for ELT qualifications referenced to the National Qualifications Framework;

e) Establish, develop, maintain and own brands, marks of distinction or trust and signs of quality assurance and to promote and regulate their use;

f) Advise the Minister on the state, operation, needs and prospects of ELT in general and to compile and submit by no later than six weeks after each year in office an annual report thereon and on the policies, functions and plans of the Council;

g) Prescribe and charge the fees payable to the Council for any service provided by it, or in respect of any matter for which it is considered that a fee should be payable in accordance with Schedule 2 of the English Language Teaching Council regulations (L.N. 221 of 2015);

h) Determine and levy fine or penalties in cases of non-compliance;

i) Advise on and promote the proficiency of English and the benefits of ELT nation-wide; to gather any data necessary for the enhancement of the sector;

j) Perform such other functions as the Minister may from time to time prescribe.

k) Oversee the coordination of any media and communications related to the Entity.

Seek standardisation and simplification in all procedures related to the Entity.

Ensure that information sessions are organised as required with a view to ascertaining that all stakeholders of the Entity are fully informed and conversant with regulations, procedures and policies pertaining to the Entity.

Ensure the delivery of the strategic and operational plans of the Entity within approved budgets.

Provide leadership to the staff of the Entity, and manage their performance, in part by agreeing personal performance plans with them, evaluating their performance, providing regular feedback, and pointing out areas for improvement.

Review at a strategic level, the utilisation of the resources of the Entity, and ensure that these are used fully and effectively in a manner encouraging client confidence.

Iwissilis-SegretarjuPermanentidwarkwalunkwekwistjoni, problema u rekwiżit amministrattiv mhux sodisfaċenti li jeħtieġ l-attenzjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.

Javża lis-Segretarju Permanenti dwar implikazzjonijiet operazzjonali ta' politiki amministrattivi ġodda jew bidliet f'politiki eżistenti.

Iwettaq ippjanar operazzjonali u ta' politika fuq żmien aktar fit-tul, u jwettaq kwalunkwe riċerka li tista' tkun meħtieġa.

Jistabbilixxi standards ta' prestazzjoni u jimplimenta rieżami tal-prestazzjoni u pjanijiet għat-titjib tal-prestazzjoni.

Jiżgura l-viżibbiltà tal-ħidma tal-Kunsill tal-ELT, u jrawwem il-parteċipazzjoni tal-komunità, ir-relazzjoni bejn l-iskejjel tal-EFL, il-partijiet ikkonċernati fl-industrija u istituzzjonijiet edukattivi oħrajn.

Irawwem it-tkabbir sostenibbli tal-Kunsill tal-ELT permezz tal-promozzjoni ta' aktar servizzi.

Jagħmel proposti lis-Segretarju Permanenti biex l-Entità tkun tista' tikseb prestazzjoni aħjar u ttejjeb l-akkontabbiltà.

**Konsultazzjoni**

Jiżviluppa u jmantni kuntatti mal-uffiċjali anzjani fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isports, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ministeri oħrajn, korpi parastatali u s-settur privat sabiex jiżgura approċċ trasversali għat-tfassil tal-politika u t-twettiq tas-servizz, u l-identifikazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' problemi b'mod ikkordinat bis-sħiħ.

Jirrappreżenta l-Entità u, fejn u kif xieraq, jeżerċita rwol strateġiku f'timijiet għall-iżvilupp jew l-ippjanar ta' politika interministerjali jew intergovernattiva.

Jiftiehem ma' uffiċjali f'ġuriżdizzjonijiet barranin biex jiżgura li, fejn meħtieġ, jiġu stabbiliti ftehimiet jew protokolli.

**Żvilupp Professjonali Kontinwu**

Iżomm ruħu infurmat sew u aġġornat dwar il-materji kollha fl-oqsma kollha relatati mal-Kunsill tal-ELT, u dwar kwalunkwe obbligu nazzjonali jew internazzjonali li jaffettwa dan il-qasam.

Jieħu kull opportunità biex jakkwista ħiliet ta' tmexxija u maniġment ġodda.

**Oħrajn**

Jimmaniġġja jew jiddelega responsabbiltajiet oħrajn li jistgħu jiġu assenjati miċ-Chairperson jew mill-Kunsill minn żmien għal żmien.

Alert the Permanent Secretary to any issues, problems and unmet administrative requirements that require attention and make appropriate recommendations.

Advise the Permanent Secretary on the operational implications of new administrative policies or changes to existing policies.

Undertake longer term policy and operational planning and carry out any research as may be required.

Establish standards of performance and implement performance reviews and performance improvement plans.

Ensuring visibility of the work of the ELT Council, and fostering community participation, rapport with EFL schools, industry stakeholders and other educational institutions.

Fostering the sustainable growth of the ELT Council through the promotion of increased services.

Make proposals to the Permanent Secretary to enable the Entity to achieve better performance and to improve accountability.

**Consultation**

Develop and maintain contacts with senior officials in the Ministry for Education, Youth, Sports, Research and Innovation, other ministries, parastatal bodies and the private sector to ensure a cross-cutting approach to policy making and service delivery, and the identification and resolution of problems in a fully co-ordinated way.

Represent the Entity and, where and as appropriate, exercise a strategic role on inter-ministerial or inter-governmental policy development or planning teams.

Liaise with officials in foreign jurisdictions to ensure that, where necessary, agreements or protocols are established.

**Continuous Professional Development**

Keep well informed and up-to-date on all matters in all areas related to the ELT Council, and on any national or international obligations affecting this area.

Take every opportunity to acquire new leadership and management skills.

**Others**

Manage or discharge such other responsibilities as may, from time to time, be assigned by the Chairperson or the Council.

**Kundizzjonijiet tax-Xogħol**

Kapaċi li jaħdem taħt pressjoni.

Jista' jkun meħtieġ jaħdem fit-tard jew fi tmiem il-ġimgħa jew btajjel pubbliċi biex jilħaq l-iskadenzi.

Jista' jkun meħtieġ jivvjaġġa barra fuq xogħol uffiċjali.

**Għarfien dwar Maniġment/Ħiliet/Kwalifiki**

Kwalifika tal-edukazzjoni ogħla rilevanti (Livell 7 tal-MQF).

Minimu ta' tmien (8) snin ta' esperjenza professjonali rilevanti, inklużi tal-inqas ħames (5) snin fi rwol ta' tmexxija maniġerjali superjuri jew regolatorja fi ħdan is-settur pubbliku jew f'servizz pubbliku.

Għarfien eċċellenti u aġġornat f'materji relatati mal-oqsma kollha relatati mal-maniġment.

Għarfien komprensiv tal-leġiżlazzjoni u l-politika dwar l-oqsma kollha relatati mal-Kunsill tal-ELT.

Għarfien dwar ir-regolamenti, l-istrutturi u l-prattiki li għandhom x'jaqsmu mal-Kunsill tal-ELT.

Ħiliet fit-tmexxija bil-provi, speċjalment fil-kapaċità li joħroġ l-aħjar min-nies, u fokus sod biex jinkisbu r-riżultati.

Il-kapaċità li jintlaħqu konklużjonijiet sodi, indipendenti u li jistgħu jiġu appoġġati fuq kwistjonijiet ta' politika, u li jipproduċi rakkomandazzjonijiet innovattivi u soluzzjonijiet effettivi.

Ġudizzju matur u l-abbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet raġunati.

Komunikazzjoni eċċellenti (verbali u bil-miktub) u ħiliet interpersonali; u

Kompetenza sħiħa fl-użu tal-kompjuter.

L-applikanti interessati huma mistiedna jissottomettu s-CV tagħhom u d-dokumentazzjoni meħtieġa sal-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2026.

Permess ta' Jobsplus Nru 194/2026

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil (info.eltcouncil@gov.mt).

It-13 ta' Marzu, 2026

**Working Conditions**

Ability to work under pressure.

May be required to work late or at weekends or public holidays to meet deadlines.

May be required to travel abroad on official business.

**Management Knowledge/Skills/Qualifications**

A relevant higher education qualification(Level 7 on the MQF).

A minimum of eight (8) years' relevant professional experience, including at least five (5) years in a senior managerial or regulatory leadership role within the public sector or public service.

Excellent and up-to-date knowledge in matters related to all areas related to management.

A thoroughgoing knowledge of legislation and policy on all areas related to the ELT Council.

Knowledge of regulations, structures and practices pertaining to the ELT Council.

Proven leadership skills, especially the ability to get the best out of people, and a strong focus on delivering results.

The ability to reach sound, supportable and independent conclusions on policy issues, and to produce innovative recommendations and effective solutions.

Seasoned judgement and the ability to take sound decisions.

Excellent communication (oral and written) and interpersonal skills; and

Full computer literacy.

Interested applicants are invited to submit their CV and supporting documentation by Friday, 20th March, 2026.

Jobsplus Permit No. 194/2026

Applications should be sent by email to (info.eltcouncil@gov.mt).

13th March, 2026

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻABBAR

**Post ta' Bibljotekarju fil-Librerija ta' Ħaż-Żabbar**

Il-Malta Libraries u l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jilqgħu applikazzjonijiet (ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-curriculum vitae) fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar sa nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, għal post ta' bibljotekarju fil-librerija ta' Ħaż-Żabbar.

Aktar dettalji dwar din is-sejħa, inkluż ir-rekwiżiti, persuni eliġibbli, kif ukoll sigħat ta' xogħol, jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill permezz ta' ittra elettronika lil (stephanie.j.testaferrata-de-noto@gov.mt).

It-13 ta' Marzu, 2026

ĦAŻ-ŻABBAR LOCAL COUNCIL

**Post of a Branch Librarian at the Ħaż-Żabbar Branch Library**

Malta Libraries and the Ħaż-Żabbar Local Council are receiving applications (letter of application together with the curriculum vitae) at the Ħaż-Żabbar Local Council's office till Friday, 27th March, 2026, for the post of a branch librarian at the Ħaż-Żabbar Branch Library.

Further details regarding this call for applications, including the requisites, eligible persons and minimum working hours, can be obtained from the Council's Executive Secretary via email to (stephanie.j.testaferrata-de-noto@gov.mt).

13th March, 2026

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 174.04), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex ipoġġi direct order ma' Acuris Risk Intelligence Ltd għat-tiġdid ta' erba' user accounts għal KYC6 searches għall-prezz ta' £10,400 ekwivalenti għal bejn wieħed u ieħor €11,934.41 eskluża l-VAT.

It-13 ta' Marzu, 2026

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 174.04), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to place a direct order with Acuris Risk Intelligence Ltd for the renewal of four user accounts for KYC6 searches for the cost of £10,400 equivalent to approximately €11,934.41 excluding VAT.

13th March, 2026

SPORTMALTA

Lista ta' kuntratti tal-offerti, kwotazzjonijiet u direct contracts mogħtija minn SportMalta matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2025 u l-31 ta' Diċembru, 2025, ippubblikata skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi L.S. 601.03.

It-13 ta' Marzu, 2026

SPORTMALTA

List of tender contracts, quotations and direct orders awarded by SportMalta during the period between 1st July, 2025 and 31st December, 2025, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

13th March, 2026

**Offerti/*Tenders***

| Nru<br>*No.* | Nru. ta' Referenza tal-Offerta<br>*Tender Reference No.* | Titlu tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta<br>*Tender Title/Subject of Tender* | Data tal-Għotja<br>*Award Date* | Isem il-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Ammont tal-Kuntratt eskluża l-VAT<br>*Contract Value Excluding VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | SPD1/2024/072<br>SM/20/2024/TEN | Works Tender for the Necessary Remedial Works of the Concrete Structures at the National Pool Complex in Tal-Qroqq Malta (Plant Room) | 18-Aug-25 | Camray Ltd | €124,615.00 |

| Nru<br>*No.* | Nru. ta' Referenza tal-Offerta<br>*Tender Reference No.* | Titlu tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta<br>*Tender Title/Subject of Tender* | Data tal-Għotja<br>*Award Date* | Isem il-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Ammont tal-Kuntratt eskluża l-VAT<br>*Contract Value Excluding VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | SPD1/2025/020 SM/07/2025/TEN | Supplies – Framework Contract for the Provision of Stickers, PVC Boards and Canvas Prints for SportMalta | 24-Sep-25 | George Vella | €234,000.00 |
| 3 | SPD1/2025/080 SM/14/2025/TEN | Extension to Spectator Seating Area and the Construction of Class 4A Offices and the Ancillary Facilities using Environmentally Friendly Materials at Tal-Qroqq National Pool Complex | 13-Oct-25 | C and F Building Contractors Ltd | €278,904.87 |
| 4 | CT2216/2025 SM/02/2025/TEN | Works Tender – Alterations and Finishing Works with M&E installations using environmental friendly materials at Maria Assumpta Changing Rooms for SportMalta (Phase 2) | 24-Dec-25 | De Valier Co. Ltd | €1,059,027.60 |

**Kwotazzjonijiet/*Quotations***

| Nru<br>*No.* | Nru. ta' Referenza tal-Kwotazzjoni<br>*Quotation Reference Number* | Isem tal-Kwotazzjoni<br>*Quotation Title/Subject of Quotation* | Data tal-Għotja<br>*Award Date* | Isem il-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Ammont tal-Kuntratt eskluża l-VAT<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | SM/12/2025/QUO | Call for Quotations for Website Management and Graphic Design Services | 8-Aug-25 | Webee Ltd | €9,750.00 |
| 2 | SM/17/2025/QUO | Supply of Diesel for a Generator at Marsa Sports Complex | 17-Sep-25 | Falzon Fuel Services Ltd | €9,997.70 |
| 3 | 17584 | Supply of Diesel for a Generator at Marsa Sports Complex | 2-Oct-25 | Falzon Fuel Services Ltd | €9,997.70 |
| 4 | 17603 | Supply and application of mortar on inner faced west stand at National Pool Complex | 7-Oct-25 | Karl Cauchi Turnkey Solutions | €5,000.00 |
| 5 | 17629 | Supply and application of 2 coats of paint on façade at National Pool Complex | 21-Oct-25 | Karl Cauchi Turnkey Solutions | €5,000.00 |
| 6 | SM/19/2025/QUO | Design, manufacture, supply and installation of a galvanized platform with stairs for the Marsa Sports Complex | 6-Nov-25 | NGS | €6,700.00 |

| Nru | Nru. ta' Referenza tal-Kwotazzjoni | Isem tal-Kwotazzjoni | Data tal-Għotja | Isem il-Kuntrattur | Ammont tal-Kuntratt eskluża l-VAT |
|---|---|---|---|---|---|
| *No.* | *Quotation Reference Number* | *Quotation Title/Subject of Quotation* | *Award Date* | *Contractor's Name* | *Contract Value Excl. VAT* |
| 7 | 17700 | Works at National Shooting Range (Range No. 4), includinglevelling of platform and installation of gutter system | 21-Nov-25 | Wired Electrical Services | €5,000.00 |

**Direct Contracts**

| Nru | Nru. ta' Referenza tad-Direct Contract | Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract | Data tal-Għotja | Isem il-Kuntrattur | Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT |
|---|---|---|---|---|---|
| *No.* | *Direct Contract Reference Number* | *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract* | *Award Date* | *Contractor's Name* | *Contract Value Excl. VAT* |
| 1 | LPO No 17539 | Road trenching works at Marsa Sports Complex | 15-Sep-25 | Fin Civil Engineering Works Limited | €9,894.02 |
| 2 | DO MFIN 03 2025 | Repair of the roof of the Cottonera Sports Complex | 18-Sep-25 | E&L Enterprises Limited | €35,800.00 |
| 3 | DO MFIN 04 2025 | Provision of Services of an Architect for the Maria Assumpta Complex Project | 12-Dec-25 | Perit Dieter Falzon | €43,157.00 |

KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

Il-laqgħa annwali tal-lokalità se ssir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Marzu, 2026, fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, fis-7.30 p.m.

It-13 ta' Marzu, 2026

BIRŻEBBUĠA LOCAL COUNCIL

**Annual Locality Meeting**

The annual locality meeting will be held on Wednesday, 18th March, 2026, at the Birżebbuġa Local Council, at 7.30 p.m.

13th March, 2026

KAMRA TAD-DEPUTATI

**Parlament ta' Malta**

*Sejħa għal Kwotazzjonijiet għal Trays tal-Fibreglass*

Il-Kamra tad-Deputati, il-Parlament ta' Malta, tistieden fornituri sabiex jissottomettu kwotazzjonijiet għall-provvista u l-installazzjoni ta' disa' (9) trays ġodda tal-fibreglass, inkluż is-sapport meħtieġ.

L-iskop ta' dawn it-trays huwa li jiġbru ilma żejjed. Kull tray għandu jkun mgħolli minn naħa waħda b'madwar 100mm, sabiex tinkiseb l-inklinazzjoni meħtieġa. Għandu jkun hemm toqba b'dijametru ta' 30mm fin-naħa l-aktar baxxa ta' kull tray. It-toqba għandha tinqata' fuq il-post sabiex

THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

**Parliament of Malta**

*Call for Quotations for Fibreglass Trays*

The House of Representatives, Parliament of Malta, invites suppliers to submit quotations for the supply and installation of nine (9) new fibreglass trays, including the necessary support.

The purpose of these trays is to collect excess water. Each tray shall be raised on one side by approximately 100mm to achieve the required slope. A 30mm diameter hole shall be provided at the lower end of each tray. The hole is to be cut on site to facilitate the future installation of a drainpipe.

tiffaċilita l-installazzjoni tal-pajp. Il-fibreglass għandu jkun ta' ħxuna tali li tkun żgurata s-saħħa u r-riġidità skont id-daqs ta', u l-użu maħsub għal, kull tray. L-offerenti għandhom jindikaw il-ħxuna proposta tal-materjal f'millimetri (mm).

Id-dimensjonijiet tat-trays meħtieġa huma dawn:

× 5 trays = 3200mm (tul) x 1200mm (wisa') x 50mm (għoli);
× 2 trays = 2200mm (tul) x 600mm (wisa') x 50mm (għoli);
× tray wieħed (1) = 3800mm (tul) x 600mm (wisa') x 50mm (għoli); u
× tray wieħed (1) = 3200mm (tul) x 1200mm (wisa') x 50mm (għoli).

Il-prezz għandu jinkludi l-ispiża tal-provvista, il-kunsinna, u l-installazzjoni.

L-offerenti huma mħeġġa biex jikkuntattjaw lill-Uffiċċju sabiex jorganizzaw spezzjoni fuq il-post qabel ma jissottomettu l-kwotazzjoni tagħhom.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jinkludu l-prezz totali, inkluża l-VAT.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (dcs.parlament@parlament.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026.

It-13 ta' Marzu, 2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

**Ingaġġ ta' Periti biex jassistu fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-fondi tal-lokalitajiet mal-Awtorità tal-Ippjanar**

*(Ref: EOI 001/2026)*

L-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda tistieden persuni kwalifikati sabiex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-ingaġġ ta' Periti biex jassistu fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-fondi tal-lokalitajiet mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Id-dokument bl-Espressjoni ta' Interess jista' jitniżżel mis-sit elettroniku tal-Awtorità (http://www.pa.org.mt/en/expression-of-interests).

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji tal-Awtorità, fi 3, Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, sal-Ħamis, 9 ta'April, 2026, qabel l-10.00 a.m.

Kull talba għal kjarifika dwar din l-Espressjoni ta' Interess għandha tiġi indirizzata lid-Direttur tas-Servizzi

The thickness of the fibreglass shall be selected to ensure sufficient strength and rigidity appropriate for the size and intended use of each tray. Bidders shall state the proposed material thickness in millimetres (mm).

The following tray dimensions are required:

Qty x5 Trays = 3200mm (L) x 1200mm (W) x 50mm (H);
Qty x2 Trays = 2200mm (L) x 600mm (W) x 50mm (H);

Qty x1 Tray = 3800mm (L) x 600mm (W) x 50mm (H); and
Qty x1 Tray = 3200mm (L) x 1200mm (W) x 50mm (H)

The price shall include the cost for the provision, delivery, and installation.

Bidders are advised to contact the Office to arrange an on-site inspection before submitting their quotation.

Quotations must include the total price, inclusive of VAT.

Quotations must be submitted by email to (dcs.parlament@parlament.mt), by not later than noon of Wednesday, 25th March, 2026.

13th March, 2026

PLANNING AUTHORITY

**Engagement of Periti to provide support in the processing of Planning Authority Locality Funding applications**

*(Ref: EOI 001/2026)*

The Planning Authority is hereby inviting qualified individuals to participate in this expression of interest for the Engagement of Periti to provide support in the processing of Planning Authority Locality Funding applications.

The Expression of Interest document can be downloaded from the Authority website (http://www.pa.org.mt/en/expression-of-interests).

Offers are to be deposited in the tender box at the Authority offices at 3, Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, by Thursday, 9th April, 2026, before 10.00 a.m.

Any requests for clarifications concerning this Expression of Interest should be addressed to the Director of Corporate

Korporattivi fl-indirizz elettroniku (tenders@pa.org.mt) sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 24, ta' Marzu, 2026.

Sottomissjonijiet li jidħlu tard jew li ma jkunux kompluti ma jiġux ikkunsidrati.

It-13 ta' Marzu, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2026.**

ERU0903U26 – Devices
ERU0903U26A – Devices
ERU0903U26B – Medicinal
ERU0903U26C – Medicinal
ERU0903U26D – Medicinal
ERU0903U26E – Medicinal
ERU0903U26F – Medicinal
ERU0903U26G – Medicinal
ERU0903U26H – Medicinal
ERU0903U26I – Medicinal
ERU0903U26J – Medicinal
ERU0903U26K – Medicinal
ERU0903U26L – Medicinal
ERU0903U26M – Medicinal
ERU0903U26N – Medicinal
ERU0903U26O – Medicinal
ERU0903U26P – Medicinal
ERU1003U26 – Devices
ERU1003U26A – Medicinal
ERU1003U26B – Tests
ERU1003U26C – Medicinal
ERU1003U26D – Medicinal
ERU1003U26E – Medicinal
ERU1003U26F – Medicinal
ERU1003U26G – Medicinal
ERU1003U26H – Medicinal
ERU1003U26I – Medicinal
ERU1003U26J – Devices
ERU1003U26K – Medicinal
ERU1003U26L – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-13 ta' Marzu, 2026

Services by email to (tenders@pa.org.mt) by not later than Tuesday, 24th, March, 2026.

Late or incomplete submissions will not be considered.

13th March, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 16th March, 2026.**

ERU0903U26 – Devices
ERU0903U26A – Devices
ERU0903U26B – Medicinal
ERU0903U26C – Medicinal
ERU0903U26D – Medicinal
ERU0903U26E – Medicinal
ERU0903U26F – Medicinal
ERU0903U26G – Medicinal
ERU0903U26H – Medicinal
ERU0903U26I – Medicinal
ERU0903U26J – Medicinal
ERU0903U26K – Medicinal
ERU0903U26L – Medicinal
ERU0903U26M – Medicinal
ERU0903U26N – Medicinal
ERU0903U26O – Medicinal
ERU0903U26P – Medicinal
ERU1003U26 – Devices
ERU1003U26A – Medicinal
ERU1003U26B – Tests
ERU1003U26C – Medicinal
ERU1003U26D – Medicinal
ERU1003U26E – Medicinal
ERU1003U26F – Medicinal
ERU1003U26G – Medicinal
ERU1003U26H – Medicinal
ERU1003U26I – Medicinal
ERU1003U26J – Devices
ERU1003U26K – Medicinal
ERU1003U26L – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

13th March, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2026.**

ERU1103U26 – Devices
ERU1103U26A – Devices
ERU1103U26B – Medicinal
ERU1103U26C – Medicinal
ERU1103U26D – Medicinal
ERU1103U26F – Medicinal
ERU1103U26G – Medicinal
ERU1103U26H – Medicinal
ERU1103U26I – Medicinal
ERU1103U26J – Medicinal
ERU1103U26K – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-13 ta' Marzu, 2026

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li Għaqda Armar, Triq il-Kappillan – In-Nadur, qiegħda tħabbar publikazzjoni għall-sejħa għal offerti:

Referenza tal-Proġett VOPS A2.05.2026

Għaqda Armar, Triq il-Kappillan – In-Nadur, teħtieġ l-offerta tas-servizzi għall-provista, konsenja u installazzjoni ta' Cargo Lift bħala parti mill-VOPS A2.0852026 Efficiency Through Elevation'

Dawk interessati huma mistednin jibgħatu ittra elettronika għal l-ispeċifikazzjoni lil (armartriqilkappillan@hotmail.com).

L-offerta tagħlaq nhar it-Ġimgħa, 3 ta' April, 2026.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

It-13 ta' Marzu, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 17th March, 2026.**

ERU1103U26 – Devices
ERU1103U26A – Devices
ERU1103U26B – Medicinal
ERU1103U26C – Medicinal
ERU1103U26D – Medicinal
ERU1103U26F – Medicinal
ERU1103U26G – Medicinal
ERU1103U26H – Medicinal
ERU1103U26I – Medicinal
ERU1103U26J – Medicinal
ERU1103U26K – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

13th March, 2026

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that Għaqda Armar, Triq il-Kappillan – Nadur, is requesting the call for tenders:

Project Reference VOPS A2.05.2026

Għaqda Armar, Triq il-Kappillan – Nadur, needs the supply, delivery and installation of a cargo lift as part of the VOPS A2.05.2026 'Efficiency Through Elevation'.

Prospective bidders are invited to send an email for specifications to (armartriqilkappillan@hotmail.com).

Deadline for submissions is Friday, 3rd April, 2026.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

13th March, 2026

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li Fondazzjoni Sebħ qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerta:

Referenza tal-Proġett VOPS A2.07.2026

Fondazzjoni Sebħ teħtieġ id-disinn, il-kunsinna, l-installazzjoni ta' sistema kompluta ta' fire detection system bħala parti mill-VOPS A2.07.2026 'Fire Detection System'.

Dawk interessati huma mistednin jibagħtu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet lil (tender@sebh.mt).

L-offerta tagħlaq nhar it-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2026, f'nofsinhar.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

It-13 ta' Marzu, 2026

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that Fondazzjoni Sebħ is requesting the call for tenders:

Project Reference VOPS A2.07.2026

Fondazzjoni Sebħ requires the design, supply, and installation of a complete fire detection system, as part of the VOPS A2.07.2026 'Fire Detection System'.

Prospective bidders are invited to send an email for specifications and conditions to (tender@sebh.mt).

Deadline for submissions is Monday, 11th May, 2026, at noon.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

13th March, 2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**AŻ008/2026 Eurodesk Youth Organisations Conference 'Venue and Conference Facilities' Terms of Reference Issued by Aġenzija Żgħażagħ Saturday, 9th May, 2026**

Aġenzija Żgħażagħ qiegħda tilqa' sottomissjonijiet biex torganizza konferenza għal madwar mija u sittin (160) membru attiv fl-għaqdiet taż-żgħażagħ bit-tema 'Connecting the EU with Youth: Empowering Organisations to Bridge Opportunities'. L-għan ta' din il-konferenza hu sabiex il-mexxejja tal-għaqdiet taż-żgħażagħ jiddiskutu kif iż-żgħażagħ attivi fl-organizzazzjonijiet tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet offruti mill-Unjoni Ewropea.

Aktar informazzjoni hija aċċessibbli mis-sit elettroniku ta' Aġenzija Żgħażagħ (https://youth.gov.mt/call/).

Kull min hu interessat li jipparteċipa f'din is-sejħa ta' kwotazzjonijiet għandu jissottometti l-offerta finanzjarja VAT inkluża, permezz ta' posta elettronika lil (sarah.spiteri@gov.mt) għall-attenzjoni ta' Sarah Spiteri sa mhux aktar tard minn 10.00 a.m. tal-Erbgħa, 8 ta'April 2026.

Is-sottomissjonijiet jiġu mgħarrfa minn Aġenzija Żgħażagħ li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien ġurnata ta' ħidma mis-sottomissjoni.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**AŻ008/2026 Eurodesk Youth Organisations Conference 'Venue and Conference Facilities' Terms of Reference Issued by Aġenzija Żgħażagħ Saturday, 9th May, 2026**

Through the Erasmus+ Eurodesk, Aġenzija Żgħażagħ will host a conference for one hundred and sixty (160) active youth organisations' members titled 'Connecting the EU with Youth: Empowering Organisations to Bridge Opportunities'. The conference aims to bring together leaders from youth organisations in Malta and reinforce the role of youth organisations in connecting young people with opportunities offered by the European Union.

More information can be downloaded from the Aġenzija Żgħażagħ website (https://youth.gov.mt/call/).

Interested bidders must submit their expression of interest letter, which includes the financial package, by email to (sarah.spiteri@gov.mt) by 10.00 a.m. on Wednesday, 8th April, 2026. The quoted prices must include VAT.

Aġenzija Żgħażagħ will acknowledge the electronic submissions within one (1) working day from the submission date.

Late applications will not be considered.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand Sarah Spiteri bin-numru tat-telefown 9978 7255 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn 8.30 a.m. u 3.00 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sarah.spiteri@gov.mt).

It-13 ta' Marzu, 2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**AŻ009/2026 Provision of Telephony, Internet and Related Communication Services by Aġenzija Żgħażagħ**

Aġenzija Żgħażagħ qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal servizz ta' 'provision, migration, support, and maintenance of its existing telephony, internet, and related communication services under a single consolidated service arrangement'.

Informazzjoni dettaljata hija aċċessibbli mis-sit elettroniku ta' Aġenzija Żgħażagħ (https://youth.gov.mt/request-for-quotations/).

Ittra ta' Espressjoni ta' Interess, li tinkludi l-aħjar offerta li l-kumpanija tista' toffri, it-talba finanzjarja VAT inkluża, garanziji, speċifikazzjonijiet tas-servizz propost, jiġu milqugħa minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, f'envelop issiġillat għall-attenzjoni ta' Rowena M. Borg sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 30 ta' Marzu, 2026, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni f'ġurnata ta' ħidma.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand Rowena M. Borg bin-numru tat-telefown 9989 1714 mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m sat-3.00 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (rowena.borg@gov.mt).

It-13 ta' Marzu, 2026

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

**Sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' April, 2026, permezz tal-ePPS jirċievi offerti għal:**

Avviż Nru MLC/03/2026. Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' vann wieħed (1) ġdid b'erba' bibien li jaħdem bl-elettriku mingħajr emissjonijiet bi dropside għall-Kunsill Lokali l-Mellieħa.

For further information or inquiries, one may contact Sarah Spiteri by telephone number 9978 7255 from Monday to Friday between 8.30 a.m. and 3.00 p.m., or by email to (sarah.spiteri@gov.mt).

13th March, 2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**AŻ009/2026 Provision of Telephony, Internet and Related Communication Services by Aġenzija Żgħażagħ**

Aġenzija Żgħażagħ is seeking the services of a suitably licensed service provider for the provision, migration, support, and maintenance of its existing telephony, internet, and related communication services under a single consolidated service arrangement.

Full details and specifications can be downloaded from the Aġenzija Żgħażagħ website: (https://youth.gov.mt/request-for-quotations/).

Expression of Interest letters, including the company's best offer together with the financial package inclusive of VAT, warranty and literature review of the service offered, are to be received by Aġenzija Żgħażagħ,Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013 in a sealed envelope addressed for the attention of Rowena M. Borg by not later than noon of Monday, 30th March, 2026.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above-stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within one working day.

Late applications will not be considered.

For further information or queries, one may phone Rowena M. Borg by telephone number 9989 1714 from Monday to Friday from 8.30 a.m. to 3.00 p.m., or via email to (rowena.borg@gov.mt).

13th March, 2026

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council notifies that:

**Tenders will be received through ePPS up to 9.30 a.m. on Monday, 13th April, 2026, for the:**

Advt No. MLC/03/2026. Supply, delivery, and commissioning of a one (1) brand new fully electric zero emission four-door van with dropside for the Mellieħa Local Council.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

It-13 ta' Marzu, 2026

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola jgħarraf illi:

**Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Paola sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, għal:**

Avviż Nru PLA 04/2026. Xogħlijiet ta' tisbiħ u rranġar ta' ħajt fi Vjal Kristu Re, Poala, għall-Kunsill Lokali Paola.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-13 ta' Marzu, 2026

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available for viewing and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most seemingly advantageous.

13th March, 2026

PAOLA LOCAL COUNCIL

The Paola Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Paola Local Council through ePPS, up to 9.00 a.m. of Friday, 27th March, 2026, for the:**

Advt No. PLA 04/2026. Embellishment and upgrading works of a wall in Vjal Kristu Re, Paola, for the Paola Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Council reserves the right of refusing any offer, even the most advantageous.

13th March, 2026

## AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

700

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-2 ta' Diċembru, 2024, fuq talba ta' Maria Dolores magħrufa bħala Doris Grech ġie ordnat, sabiex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-directus dominus/i mhux magħrufa jew l-aventi kawża tagħhom, fl-atti taċ-ċedola numru 2097/2024, fl-ismijiet Maria Dolores magħrufa bħala Doris Grech vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 2nd December, 2024, following a request of Maria Dolores known as Doris Grech it was ordered, that deputy curators be appointed to represent the unknown directus dominus/i or their successors in title in the acts of schedule of deposit number 2097/2024, in the names Maria Dolores known as Doris Grech vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens u subċens u kull ċens u subċens ieħor u arretrati ta' ċens u subċens ta' Maria Dolores magħrufa bħala Doris Grech, legalment separata, pensjonanta, bint l-mejtin Carmelo Grech u Helen Grech née Borg, imwielda Birkirkara fit-tletin (30) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgħa u erbgħin (1947) u residenti numru wieħed u għoxrin (21), Villa Victoria, Triq il-Forġa, In-Naxxar, karta tal-identità numru 0436647M vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lid-directus dominus/i mhux magħrufa jew l-aventi kawża tagħhom tas-subenefitewsi u kull enfitewsi perpetwa li jista' jkun hemm konsistenti l-first floor maisonette, inkluż l-bejt u l-arja sovraposta usque ad coelum, sovrapost għal beni ta' terzi persuni, msemmi 'Fred', numru mija u ħamsa u tletin (135), ġja mija u tnejn u għoxrin (122), fi stat ta' finished, aċċessibbli minn entratura indipendenti fi Triq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar, ippreżentat fl-4 ta' Ottubru, 2024, fejn l-esponenti Maria Dolores magħrufa bħala Doris Grech (KI 0436647M) tesponi bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni datat l-għaxra (10) ta' Jannar, elf disa' mija sitta u sebgħin (1976) fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, l-esponenti akkwistat il-first floor maisonette, inkluż l-bejt u l-arja sovraposta usque as coelum, sovrapost għal beni ta' terzi persuni, imsemmi 'Fred', numru mija u ħamsa u tletin (135), ġja mija u tnejn u għoxrin (122), fi stat ta' finished, aċċessibbli minn entratura indipendenti fi Triq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar, hekk kif suġġett għaċ-subċens annwu u perpetwu ta' ħames Liri u ħames ċenteżmi ta' Malta (Lm5.05) illum ekwivalenti għal ħdax-il ewro u sitta u sebgħin ċenteżmi (€11.76), Altrimenti liberi u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, bil-pussess battal ('il-Fond') (kopja tal-kuntratt ta' diviżjoni hawn anness u mmarkat bħala Dokument A);

Illi l-Fond huwa muri bl-aħmar fuq il-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B;

Illi għalhekk l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà lilha mogħtija mill-provvedimenti relattivi fil-liġi Maltija, u senjatament l-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, u trid li tifdi dan is-subċens u kull ċens annwu u perpetwu ieħor li jista' jkun hemm ta' ħdax-il ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€11.76), favur id-directus dominus/i mhux magħrufa jew l-aventi kawża tagħhom;

Illi ċ-ċens ta' ħdax-il ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€11.76), kapitalizzati bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) skont il-kuntratt ta' subenfitewsi datat id-9 ta' Awwissu, 1962, fl-atti tan-Nutar Joseph Agius (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument C), jammonta għas-somma ta' tliet mija tmienja u tmenin ewro u tmien ċenteżmu (€388.08);

By means of a schedule of deposit of groundrent and redemption of groundrent and sub-groundrent and any other groundrent and sub-groundrent and arrears groundrent and subgroundrent of Maria Dolores known as Doris Grech, legally separated, pensioner, daughter of the late Carmelo Grech and Helen Grech née Borg, born in Birkirkara on the thirtieth (30) April of the year one thousand nine hundred and forty seven (1947) and residing number twenty one (21), Villa Victoria, Triq il-Forġa, Naxxar, identity card number 0436647M vs Deputy Curators to represent the unknown directus dominus/i or their successors in title of the sub - emphyteusis and any perpetual emphyteusis that there may be consisting of the first floor maisonette, including the roof and overlying airspace usque ad coelum, overlying third party property, named 'Fred', number one hundred and thirty five (135), previously one hundred and twenty two (122), in finished state, accessible from an independent entrance in Triq San Xmun, Buġibba, St Paul's Bay, filed on the 4th October, 2024, where the applicant Maria Dolores known as Doris Grech (ID 0436647) respectfully submitted:

That by means of a contract of division dated tenth (10) of January, one thousand nine hundred and seventy six (1976) in the records of Notary Victor John Bisazza, the applicant acquired the first floor maisonette, including the roof and airspace overlying usque as coelum, overlying property of third parties, named 'Fred', number one hundred and thirty five (135), previously one hundred and twenty two (122), in finished state, accessible from an independent entrance in Triq San Xmun, Buġibba, St Paul's Bay, as subject to the annual and perpetual subgroundrent of five Liri and five cents of Malta (Lm5.05) today equivalent to eleven euro and seventy six cents (€11.76), otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, with vacant possession ('the premises') (copy of the contract of division hereby attached and marked as document A);

That the premises is shown in red on the site plan of the Land Registry hereby attached and marked as Document B;

That thus the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her by the relative provisions of Maltese law, and especially Article 1501 of the Civil Code of Malta, and wants to redeem this subgroundrent and any other annual and perpetual groundrent which may be there of eleven euro and seventy six cents (€11.76), in favour of the unknown directus dominus/i or their successors in title;

That the groundrent of eleven euro and seventy six cents (€11.76) capitalised at the rate of three per cent (3%) according to the contract of sub emphyteusis dated 9th August, 1962, in the records of Notary Joseph Agius (copy here attached and marked as Document C), amounts to the sum of three hundred eighty eight euro and eight cents (€388.08);

Illi kontestwalment, l-esponenti qiegħda tiddepożita wkoll l-ammont ta' tmienja u ħamsin ewro u tmenin ċenteżmu (€58.80) li jirrappreżentaw ħames (5) snin arretrati ta' subċens;

Illi d-directus dominus/i jew is-suċċessuri fit-titolu tas-subċens annwu u perpetwu u kull ċens u subċens ieħor li jista' jkun hemm impost fuq il-Proprjetà huma injoti u għaldaqstant se jiġu rappreżentati fl-atti ta' din iċ-ċedola mill-kuraturi deputati.

Għaldaqstant, l-esponenti in vista ta' 'l fuq premess u sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà, qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u tiddepożita taħt l-awtorità tal-istess, is-somma komplessiva ta' erba' mija sitta u erbgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€446.88) rappreżentanti inkwantu għal tliet mija tmienja u tmenin ewro u tmien ċenteżmu (€388.08) prezz tal-fidi ta' dan is-subċens u kull ċens u subċens ieħor gravanti il-first floor maisonette, inkluż il-bejt u l-arja sovraposta usque as coelum, sovrapost għal beni ta' terzi persuni, msemmi 'Fred', numru mija u ħamsa u tletin (135), ġja mija u tnejn u għoxrin (122), fi stat ta' finished, aċċessibbli minn entratura indipendenti fi Triq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar; u inkwantu s-somma ta' tmienja u ħamsin ewro u tmenin ċenteżmu (€58.80) rappreżentanti ħames (5) snin arretrati ta' ċens fir-rigward tal-istess Fond u dan sabiex dan l-ammont jiġi liberament sbankat mid-directus dominus/i mhux magħrufa jew l-aventi kawża tagħhom wara li jiġi ppruvat li għandhom dritt għall-istess u wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Maria Dolores Grech, 21, Villa Victoria, Triq il-Forġa, In-Naxxar

Notifika: Kuraturi Deputati
Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Reġistru tal-Artijiet, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti fil-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anna Felice, LLD, Duttur tal-Liġi.

That at the same time, the applicant is depositing also the amount of fifty eight euro and eighty cents (€58.80) representing five (5) years arrears of sub groundrent;

That the directus dominus/i or the successors in title of the annual and perpetual sub-groundrent and any other groundrent and sub-groundrent that may be imposed on the property are noted and thus shall be represented in the records of this schedule by deputy curators.

Therefore, the applicant in view of the above and in order to exempt herself from any responsibility, is calling upon this Honourable Court and depositing under its authority, the global sum of four hundred forty six euro and eighty eight cents (€446.88) representing as for three hundred eighty eight euro and eight cents (€388.08) price of redemption of this subgroundrent and any other groundrent and sub-groundrent burdening the the first floor maisonette, including the roof and overlying airspace usque as coelum, overlying third party property, named 'Fred', number one hundred and thirty five (135), previously one hundred and twenty two (122), in finished state, accessible from an independent entrance in Triq San Xmun, Buġibba, St Paul's Bay; and as for the sum of fifty eight euro and eighty cents (€58.80) representing five (5) years arrears of groundrent in regard to the same premises and this so that this amount be freely withdrawn from the unknown directus dominus/s or their successors in title after it is proved that they have a right to the same and after leaving the due receipt according to law.

Applicant: Maria Dolore Grech, 21, Villa Victoria, Triq il-Forġa, Naxxar

Notification: Deputy Curators
Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

Land Registry, Triq il-Punent, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given in the above mentioned Superior Court with the witness of Hon Justice Anna Felice, LLD, Doctor of Laws.

Illum 2 ta' Diċembru, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

This 2nd December, 2024

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

701

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' Jannar, 2025, fuq talba ta' Jason Eric Spiteri et ġie ordnat, biex tappunta kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi u jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Salvatore Farrugia bħala subenfitewta fl-atti taċ-ċedola numru 191/2025, fl-ismijiet Jason Eric Spiteri et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' Depożitu u Fidi ta' Ċens u Subċens numru 191/2025 ta' Jason Eric Spiteri, iben Victor Francis Spiteri u Antonia Spiteri née Farrugia, imwieled Tal-Pietà, residenti 8, Sycamore, Triq Ganni Raimondo, Il-Kalkara, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0382867M, u Conrad-Charles Spiteri, iben Victor Francis u Antonia Spiteri née Farrugia, imwieled Tal-Pietà, residenti 36, Cherie, Triq iż-Żebbuġa, Il-Gudja, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 314872M, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil ċenswalisti mhux magħrufa u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi ta' Salvatore Farrugia bħala s-subenftewta, ippreżentata fid-29 ta' Jannar, 2025, fejn Jason Eric Spiteri u Conrad-Charles Spiteri jesponu bir-rispett:

1) Illi permezz ta' att pubbliku tal-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tnax (1912) redatt quddiem in-Nutar Dott. Francesco Giorgio Schembri (vide 'Dok. A') ġie impost ċens ta' sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm0.46), ekwivalenti għal ewro u seba' ċenteżmi (€1.07), fuq proprjetà mertu din iċ-ċedola li eventwalment ġiet mibnija,

'… clausura posta nella Gudja nel Vicola Zebbugia denominata Ta Birmuniconfinata da tramuntana e punente con beni della Chiesa de Casal Chircop de mezaodi col sudetto vicolo e da levante con beni di Susanna Farrugia della capacita superficiale di tumola due e mondelli tre soġġetta all annuo perpetuo canone di scellini nove e soldi due…';

2) Illi permezz ta' att pubbliku tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u għoxrin (1920) redatt quddiem

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 30th January, 2025, following a request of Jason Eric Spiteri et, it was ordered, to appoint deputy curators to protect the interests and represent the unknown Salvatore Farrugia as sub emphyteutae in the acts of the schedule of deposit number: 191/2025, in the names Jason Eric Spiteri et vs Deputy Curators to represent in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of ground rent and sub-ground rent number 191/2025 in the names Jason Eric Spiteri, son of Victor Francis Spiteri and Antonia Spiteri née Farrugia, born in Tal-Pietà, residing at 8, Sycamore, Triq Ganni Raimondo, Kalkara, and holder of identity number 0382867M, and Conrad-Charles Spiteri, son of Victor Francis and Antonia Spiteri née Farrugia, born in Tal-Pietà, residing at 36, Cherie, Triq iż-Żebbuġa Gudja, and of identity card number 314872M, vs Deputy Curators to represent the unknown emphyteutae and deputy curators to represent the heirs of Salvatore Farrugia as the sub emphyteuta, filed on the 29th January, 2025, whereby Jason Eric Spiteri and Conrad-Charles Spiteri respectfully submitted that:

1) By means of a public deed of the eleventh (11) of November of the year one thousand, nine hundred and twelve (1912) in the records of Notary Dr Francesco Giorgio Schembri (vide 'Doc. A') a ground rent of forty-six cents (Lm0.46), equivalent to one euro and seven cents (€1.07), was imposed on the property subject matter of this schedule which was eventually built,

'… clausura posta nella Gudja nel Vicola Zebbugia denominata Ta Birmuniconfinata da tramuntana e punente con beni della Chiesa de Casal Chircop de mezzodi col sudetto vicolo e da levante con beni di Susanna Farrugia della capacita superficiale di tumola due e mondelli tre soġġetta all annuo perpetuo canone di scellini nove e soldi due…';

2) by means of a public deed of the twenty-third (23) of May of the year one thousand, nine hundred and twenty

in-Nutar Francesco Farrugia (vide 'Dok. B') ġie impost ċens ta' wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm0.21), ekwivalenti għal tmienja u erbgħin ċenteżmu (€0.48), fuq il-proprjetà mertu ta' din iċ-ċedola li eventwalment ġiet mibnija,

'… la clausura appellata Taz-Zebbugia limiti della Gudia contrada Taz-Zebbugia ella capacita ċirca sette mondelle confina da punente con strada pubblica, e da tramontana con beni del sacerdote Don Pietro Farrugia come pure da mezzodi con beni del detto Sacerdote Farrugia – soggetta all annuo perpetuo canone di scudi Maltese due e tare due…';

3) Illi permezz ta' att pubbliku tal-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elf, disa' mija u tlieta u għoxrin (1923) redatt quddiem in-Nutar Dott. Francesco Giorgio Schembri (vide 'Dok. C') ġie impost ċens li mal-konverżjoni monetarja jammonta għal mija, sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm0.187), ekwivalenti għal erbgħa u erbgħin (€0.44), fuq il-proprjetà mertu ta' dina ċ-ċedola li eventwalment ġiet mibnija,

'L'utile dominio perpetuo della chiesa di terra posta nel limitidella Gudia Strada Zebbugia denominata La Birmuni ossija Ta Zebbugia consistente in una sola … di terrano della capacita di circa mondelli cinque confina da mezzodi della strada Zebbugia, da ponente con beni dello stesso comparatore e da tramuntana e levante con beni della fondazzione Valentini – soggetta dell annuo perpetuo canone di uno scellino nove soldi e otto granno.';

4) Illi permezz ta' att pubbliku tat-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u għoxrin (1928) redatt quddiem in-Nutar Dott. Angelo Cachia (vide 'Dok. D') ġie impost ċens li mal-konverżjoni monetarja jammonta għal sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm 0.46), ekwivalenti għal ewro u seba' ċenteżmu (€1.07), fuq proprjetà mertu ta' dina ċ-ċedola li eventwalment ġiet mibnija,

'Il quinto indiviso della clausura posta alla Gudia nel Vicolo Zebbugia denominata 'Ta Birmuni' confinata da tramuntana e punente con beni della Chiesa di Casal Kirkop, de mezzodi col sudetto vicolo e de levante con beni di Susanna Farrugia della capacita superficiale di tumola due e mondelli tre avante una camera rurali ed una … d'acqua – soggetta all annuo perpetuo canone di scellini nove e soldi due.';

5) Illi permezz ta' att pubbliku tal-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) redatt quddiem in-Nutar Dott. Angelo Sammut, Salvatore Farrugia impona subċens li permezz tiegħu (vide 'Dok. E'),

'… qiegħed jikkonċedi u jagħti b'titolu ta' subebfitewsi mil-lum 'il quddiem lill-komparenti l-oħra Carmelo

(1920) in the records of Notary Francesco Farrugia (vide 'Doc. B') a ground rent of twenty-one cents (Lm0.21), equivalent to forty-eight cents (€0.48), was imposed on the property subject matter of this schedule of deposit which was eventually built,

'… la clausura appellata Taz-Zebbugia limiti della Gudia contrada Taz-Zebbugiadella capacita ċirca sette mondelle confina da punente con strada pubblica, e da tramontana con beni del sacerdote Don Pietro Farrugia come pure da mezzodi con beni del detto Sacerdote Farrugia – soggetta all annuo perpetuo canone di scudi Maltese due e tare due…';

3) By means of a public deed on the 4th December of the year one thousand nine hundred and twenty three (1923) in the records of Notary Dr Francesco Giorgio Schembri (vide 'Doc. C') a ground rent was imposed which when converted amounts to one hundred eighty-seven cents (Lm0.187), equivalent to forty four euro cents(€0.44), on the property subject matter of this schedule of deposit that eventually was built,

'L'utile dominio perpetuo della chiesa di terra posta nel limitidella Gudia Strada Zebbugia denominata La Birmuni ossija Ta Zebbugia consistente in una sola … di terrano della capacita di circa mondelli cinque confina da mezzodi della strada Zebbugia, da ponente con beni dello stesso comparatore e da tramuntana e levante con beni della fondazzione Valentini – soggetta dell annuo perpetuo canone di uno scellino nove soldi e otto granno.';

4) By means of a public deed of the eighteenth (18) September of the year one thousand nine hundred and twenty eight (1928) in the records of Notary doctor Angelo Cachia (vide 'Doc. D') a ground rent was imposed which on monetary conversion amounts to forty-six cents (Lm 0.46), equivalent to one euro and seven cents (€1.07), subject matter of this schedule of deposit which was eventually built,

'Il quinto indiviso della clausura posta alla Gudia nel Vicolo Zebbugia denominata 'Ta Birmuni' confinata da tramuntana e punente con beni della Chiesa di Casal Kirkop, de mezzodi col sudetto vicolo e de levante con beni di Susanna Farrugia della capacita superficiale di tumola due e mondelli tre avante una camera rurali ed una … d'acqua – soggetta all annuo perpetuo canone di scellini nove e soldi due.';

5) By means of a public deed of the 20th September of the year one thousand nine hundred fifty-one (1951) in the records of Notary Dr Angelo Sammut, Salvatore Farrugia imposed a sub-ground rent by means of which (vide 'Doc. E'),

'… is conceding and granting by title of sub-emphyteusis from today onwards to the other parties Carmelo Farrugia

Farrugia u Giovanna Grima li flimkien u in solidum bejniethom qegħdin jaċċettaw u jakkwistaw bl-istess titolu ta' subebfitewsi perpetwa mil-lum 'il quddiem biċċa art li tifforma parti min-naħa imsejjaħ Ta' Birmuni sive 'Ta' Zebbugia', kontrada Ta' Zebbugia, fil-limiti tal-Gudja, tal-kejl din il-biċċa art ta' sitt mija u tmienja u erbgħin qasba kwadra (648 q.q) ċirka u tikkonfina mit-Tramuntana ma' beni tal-knisja ta' Ħal Kirkop, min-Nofsinhar ma strixxa ta' art, proprjetà tas-subkonċedent, li sejra sservi biex titwessa Olive Street, mill-Punent ma' proprjetà tal-istess Salvatore Farrugia u mil-Lvant ma triq ġdida proġettata fil-pjan regolatur …

Din il-konċessjoni subenfitewtika qed issir u tiġi aċċettata mill-partijiet versu s-subċens u bil-partijiet u kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Versu s-subċens ta' erbgħa u għoxrin lira u sitt xelini fis-sena u in perpetwu, li jibda jgħaddi mil-lum u jitħallas kull sena b'lura …';

6) Illi in atti ta' att pubbliku tal-ħdax (11) ta' April tas-sena elf, disa' mija u ħames u tmenin (1985) redatt quddiem in-Nutar Dott. Mario Louis Felice (vide 'Dok. F'), il-komparenti Carmelo Farrugia kkonċeda lill-komparenti Victor Spiteri li aċċetta b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa,

'… biċċa art li tifforma parti mill-artijiet magħrufa bħala 'Taż-Żebbuġa', li tinsab u għandha faċċata fuq Triq San Pawl u faċċata oħra fuq Triq il-Magħsar, il-Gudja, tal-kejl superfiċjali dina l-art ta' ċirka disgħa u tletin punt deċimali erbgħa qasab kwadri (39.4 q.k), ekwivalenti għal ċirka mija, tlieta u sebgħin punt deċimali wieħed tnejn metri kwadri (173.12 m.k) kompriża f'dan il-kejl garaxx mingħajr numru u mingħajr isem fi Triq San Pawl, però eskluża l-arja ta' fuq l-istess garaxx; tmiss din il-proprjetà sħiħa li qed tingħata in subenfitewsi mill-Punent ma' Triq San Pawl, mill-Majjistral ma' Triq il-Magħsar u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-subkonċedent il-komparenti Carmelo Farrugia; filwaqt illi l-arja tal-garaxx li qed tiġi riservata mis-subkonċedent il-komparenti Carmelo Farrugia tmiss mill-Punent ma' Triq San Pawl, u mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-istess subkonċedent…';

7) Illi inoltre, Victor Francis Spiteri, missier l-esponenti aħwa Spiteri, akkwista permezz ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Dott. Charles Vella Zarb tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989)(vide 'Dok. G'),

'… il-mezzanin fl-ewwel sular (first floor level) bla numru jismu 'Cherie' fi Triq iż-Żebbuġa, Olive Street, Gudja, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu inkluż espressament l-arja kollha ta' fuqu fi stat attwali li fih jinsab illum … -

and Giovanna Grima who together and in solidum between them are accepting and acquiring by the same title of perpetual sub-emphyteusis from today onwards a plot of land which forms part of the area called Ta' Birmuni sive 'Ta' Zebbugia', in the limits of Zebbugia, in the limits of Gudja, measuring this plot of land of six hundred and forty eight square canes (648 sq.c) and bounded on the north by property of the Ħal Kirkop church, on the south by a strip of land, property of the sub empheteuta, which will serve to extend Olive Street, on the west by property of the same Salvatore Farrugia and on the east by a new road projected in the regulating plan…

This sub-emphyteutical concession is being made and accepted by the parties as a sub-emphyteusis and with the following terms and conditions:

1. Towards the sub-groundrent of twenty four liri and six shillings per annum and in perpetuity, which commences today and is paid annually in arrears…';

6) That in the records of a public deed of the eleventh (11) of April of the year one thousand, nine hundred and eighty-five (1985) in the records of Notary Dr Mario Louis Felice (vide 'Doc. F'), the applicants Carmelo Farrugia granted to the applicants Victor Spiteri who accepted by title of perpetual sub-emphyteusis,

'… a plot of land forming part of lands known as 'Taż-Żebbuġa', situated and having a façade on Triq San Pawl and another façade on Triq il-Magħsar, Gudja, measuring superficially this land of about thirty nine decimal point four square canes (39.4 sq.c), equivalent to about one hundred and seventy three decimal point one two square metres (173.12 m.sq) comprising garage unnumbered and unnamed in Triq San Pawl, but excluding the airspace above the same garage; bounded on the west by Triq San Pawl, on the north West by Triq il-Magħsar and on the south by property of the sub-emphyteuta Carmelo Farrugia; whereas the airspace of the garage being reserved by the sub-empheteuta Carmelo Farrugia is bounded on the west by Triq San Pawl, and on the east and south by property of the same sub-emphyteuta …;

7) Furthermore, Victor Francis Spiteri, father of the applicant siblings Spiteri, acquired by means of a public deed in the records of Notary Dr Charles Vella Zarb of the 1st of March of the year one thousand nine hundred eighty-nine (1989) (vide 'Doc. G'),

'… the unnumbered mezzanine on the first floor (first floor level) named 'Cherie' in Triq iż-Żebbuġa, Olive Street, Gudja, with all its rights and appurtenances including expressly all the airspace above it in the present state in

bħala eżenti mill-ħlas ta' kwalsiasi rata ta' ċens annwu u perpetwu li tiggravah';

8) Illi għalhekk permezz ta' dina ċ-ċedola qed tinfeda l-proprjetà akkwistata permezz tal-kuntratt datat ħdax (11) ta' April tas-sena elf, disa' mija ħamsa u tmenin (1985) in atti tan-Nutar Dott. Louis Felice (vide 'Dok. F') kif ukoll il-proprjetà akkwistata mertu tal-kuntratt datat l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u disgħa u tmenin (1989) fl-atti tan-Nutar Dott. Charles Vella Zarb (vide 'Dok. G');

9) Illi eventwalment ġiet mibnija l-proprjetà mertu ta' din iċ-ċedola (vide site plan annessa u mmarkata 'Dok. H'), u ċoè l-mezzanin bl-isem 'Cherie' fi Triq iż-Żebbuġa, Olive Street, Il-Gudja;

10) Illi l-esponenti, Jason Eric Spiteri u Conrad-Charles Spiteri, huma l-eredi universali ta' ommhom Antonia Spiteri née Farrugia, superstiti tad-defunt missierhom, Victor Francis Spiteri (vide riċerki testimentarji annessi u mmarkati 'Dok. I');

11) Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-drittijiet konċess lilhom ai termini tal-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu l-imsemmi ċens u subċens bir-rata kapitalizzazzjoni skont il-liġi;

12) Illi għalhekk iċ-ċens impost fuq il-mezzanin mertu ta' dan il-fidi, pagabbli Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil ċenswalisti mhux magħrufa, jammonta għal lira u tliet mija u sbatax-il ċenteżmu (Lm1.317), ekwivalenti għal tliet ewro u seba' ċenteżmi (€3.07), kull sena li kapitalizzati skont il-liġi jammonta sitta u għoxrin lira u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm 26.35), ekwivalenti għal wieħed u sittin ewro u erbgħin ċenteżmu (€61.40);

13) Illi f'din l-istess ċedola l-esponenti qed jiddepożitaw ukoll is-somma ta' mija, tnejn u ħamsin lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm152.88), ekwivalenti għal tliet mija, sitta u ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu (€356.12), rappreżentanti ħlas taċ-ċens sa mill-elf, disa' mija u disgħa (1909);

14) Illi għalhekk il-Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil ċenswalisti mhux magħrufa għandhom jiżbankaw l-ammont ta' mija, disa' u sebgħin Lira u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm 179.24), ekwivalenti għal erba' mija u sbatax-il ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€417.52);

15) Illi għalhekk is-subċens impost fuq il-mezzanin mertu ta' dan il-fidi, pagabbli lil Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi ta' Salvatore Farrugia, jammonta għal erbgħa u għoxrin lira u tletin ċenteżmu (Lm 24.30), ekwivalenti għal sitta u ħamsin ewro u sittin ċenteżmu (€56.60), kull sena li kapitalizzati skont il-liġi jammonta

which it is today… - as exempt from the payment of any rate of annual and perpetual groundrent which is imposed';

8) Thus by means of this schedule of deposit the property acquired by means of a contract dated eleventh (11) of April of the year one thousand nine hundred eighty five (1985) in the records of Notary Dr Louis Felice (vide 'Doc. F') as well as the property acquired subject matter of the deed dated the first (1) of March of the year one thousand nine hundred eighty-nine (1989) in the records of Notary Dr Charles Vella Zarb (vide 'Doc. G') is being redeemed;

9) That eventually the property subject matter of this schedule of deposit (vide site plan attached and marked 'Doc. H') was built, namely the mezzanine named 'Cherie' in Triq iż-Żebbuġa, Olive Street, Gudja;

10) The applicants, Jason Eric Spiteri and Conrad-Charles Spiteri, are the universal heirs of their mother Antonia Spiteri née Farrugia, survivors of their deceased father, Victor Francis Spiteri (vide testamentary searches attached and marked 'Doc. I');

11) That the applicants wish to avail themselves of the rights granted to them in terms of Article 1501 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the said groundrent and sub-groundrent at the rate of capitalisation according to law;

12) Thus the ground rent imposed on the mezzanine subject matter of this redemption, payable Deputy Curators to represent the unknown emphyteuta, amounts to one lira and three hundred and seventeen cents (Lm1.317), equivalent to three euro and seven cents (€3.07), each year capitalised according to law amounts to twenty-six liri and thirty five cents (Lm 26.35), equivalent to sixty-one euro and forty cents (€61.40);

13) In this same schedule the applicants are depositing also the sum of one hundred fifty-two liri and eighty-eight cents (Lm152.88), equivalent to three hundred fifty-six euro and twelve cents (€356.12), representing payment of groundrent as from one thousand nine hundred and nine (1909);

14) Thus the Deputy Curators to represent the unknown emphyteuta are to withdraw the amount of one hundred seventy-nine Liri and twenty-four cents (Lm 179.24), equivalent to four hundred seventeen euro and fifty-two cents (€417.52);

15) thus the sub-groundrent imposed on the mezzanine subject matter of this redemption, payable to Deputy Curators to represent the heirs of Salvatore Farrugia, amounts to twenty-four liri and thirty cents (Lm 24.30), equivalent to fifty six euro and sixty cents (€56.60), every year of capitalisation according to law amounts to four hundred and

għal erba' mija u ħamsa u tmenin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm 485.96), ekwivalenti għal elf, mija u tnejn u tletin ewro (€1132);

16) Illi f'dina l-istess ċedola l-esponenti qed jiddepożitaw is-somma ta' mija u wieħed u għoxrin lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm 121.49), u ekwivalenti għal mitejn, tlieta u tmenin ewro (€283), rappreżentanti ħlas tal-aħħar ħames snin subċens;

17) Illi għalhekk il-Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Salvatore Farrugia għandhom jiżbankaw l-ammont ta' sitt mija u seba' liri u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm 607.45), ekwivalenti għal elf, erba' mija u ħmistax-il ewro (€1415);

Għaldaqstant, sabiex l-esponenti jiprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom ai termini tal-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, qed jifdu ċ-ċens u s-subċens ta':

'… il-mezzanin fl-ewwel sular (first floor level) … jismu 'Cherie' fi Triq iż-Żebbuġa, Olive Street, Il-Gudja, bid-drittiijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu inkluż espressament l-arja kollha ta' fuqu fi stat attwali li fih jinsab illum – kif aħjar indikat fil-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb datat l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija disgħa u tmenin (1989) u kif ukoll il-biċċa art li tifforma parti mill-artijiet magħrufa bħala 'Taż-Żebbuġa', li tinsab u għandha faċċata fuq Triq San Pawl u faċċata oħra fuq Triq il-Magħsar, il-Gudja, tal-kejl superfiċjali din l-art ta' ċirka disgħa u tletin punt deċimali erbgħa qasab kwadri (39.4 q.k) ekwivalenti għal ċirka mija tlieta u sebgħin punt deċimali wieħed tnejn metri kwadri (173.12 m.k) kompriża f'dan il-kejl garaxx mingħajr numru u mingħajr isem fi Triq San Pawl, kif aħjar indikat fl-atti tan-Nutar Mario Louis Felice datat il-ħdax (11) ta' April tas-sena elf disa' mija ħamsa u tmenin (1985)'

U qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' sitta u għoxrin lira u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm26.35), ekwivalenti għal wieħed u sittin ewro u erbgħin ċenteżmu (€61.40), għal fidi ta' ċens, is-somma ta' erba' mija u ħamsa u tmenin lira u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm485.96), ekwivalenti għal elf, mija u tnejn u tletin ċenteżmu (€1132), rappreżentanti fidi tas-subċens, is-somma ta' mija, tnejn u ħamsin lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm152.88), ekwivalenti għal tliet mija, sitta u ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu (€356.12), rappreżentanti ħlas taċ-ċens sa mill-elf, disa' mija u disgħa (1909), is-somma ta' mija u wieħed u għoxrin lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm121.49), u ekwivalenti għal mitejn, tlieta u tmenin ewro (€283), rappreżentanti ħlas tal-aħħar ħames snin subċens, għat-total ta' seba' mija, sitta u tmenin Lira u sebgħin ċenteżmu (Lm786.70), u ekwivalenti għal elf, tmien mija, tnejn u tletin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu

eighty five euro and ninety six cents (Lm 485.96), equivalent to one thousand, one hundred and thirty-two euros (€1,132);

16) in this same schedule the applicants are depositing the sum of one hundred and twenty one liri and forty nine cents (Lm 121.49), equivalent to two hundred, eighty three euro (€283), representing payment of the last five years sub-groundrent;

17) thus the Deputy Curators to represent the heirs of Salvatore Farrugia are to withdraw the amount of six hundred and seven liri and forty-five cents (Lm 607.45), equivalent to one thousand, four hundred and fifteen euro (€1415);

Therefore, in order for the applicants to avail themselves of the right given to them in terms of Article 1501 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta, they are redeeming the groundrent and sub-groundrent of:

'… the mezzanine on the first floor level (first floor level)… named 'Cherie' in Triq iż-Żebbuġa, Olive Street, Gudja, with all its rights and appurtenances including expressly all its airspace in the present state in which it is today – as better indicated in the contract of acquisition in the records of Notary Charles Vella Zarb dated 1st March of the year one thousand nine hundred eighty nine (1989) as well as the plot of land forming part of lands known as 'Taz-Żebbuġa', which is situated and has a facade on Triq San Pawl and another facade on Triq il-Magħsar, Gudja, of the superficial area of this land of about thirty nine decimal point four square canes (39.4 sq.c) equivalent to about one hundred seventy three decimal point one two square metres (173.12 sq.m) comprised in this unnumbered garage and without name in Triq San Pawl, as better indicated in the records of Notary Mario Louis Felice dated eleventh (11) of April of the year one thousand nine hundred eighty five (1985)'

and are calling upon this Honourable Court and under its Authority depositing the sum of twenty-six liri and thirty-five cents (Lm26.35), equivalent to sixty-one euro and forty cents (€61.40), for redemption of ground rent, the sum of four hundred and eighty five liri and ninety six cents (Lm485.96), equivalent to one thousand, one hundred and thirty two cents (€1132), representing redemption of sub-groundrent, the sum of one hundred fifty two liri and eighty eight cents (Lm152.88), equivalent to three hundred fifty six euro and twelve cents (€356.12), representing payment of groundrent since one thousand, nine hundred and nine (1909), the sum of one hundred and twenty one liri and forty nine cents (Lm121.49), and equivalent to two hundred eighty three euro (€283), representing payment of the last five years sub-groundrent, for the total of seven hundred eighty six Liri and seventy cents (Lm786.70), and equivalent to one thousand eight hundred thirty two euro and fifty two

(€1,832.52) sabiex jiġu liberament żbankati mill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta.

Esponenti: Jason Eric Spiteri, 8 Sycamore, Triq Ganni Raimondo, Il-Kalkara
Conrad-Charles Spiteri, 36, Cherie, Triq iż-Żebbuġa, Il-Gudja

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Ir-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta (żewġ notifiki)
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti fil-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi

Illum 30 ta' Jannar, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

cents (€1,832.52) so that they may be freely withdrawn by the respondents after leaving the due receipt.

Applicants: Jason Eric Spiteri, 8 Sycamore, Triq Ganni Raimondo, Kalkara
Conrad-Charles Spiteri, 36, Cherie, Triq iż-Żebbuġa, Gudja

Notification: Director Public Registry, Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta (two notifications)
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Delivered by the Superior Court referred to above by the testimony of Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws

Today 30th January, 2025

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

702

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar, 2026, fuq talba ta' Edmond Camilleri ġie ordnat, biex tinħatar bħala kuraturi deputati fl-interess u sabiex jirrappreżentaw il-padruni diretti fl-atti taċ-ċedola numru: 40/2026, fl-ismijiet Edmond Camilleri vs Kuraturi Deputatiu fl-atti l-oħra u relattivi u ssussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens u subċens numru 40/2026 tal-imsemmi Edmond Camilleri, iben Joseph Camilleri u Emanuela sive Lily née Darmanin imwieled Melbourne, l-Awstralja, u residenti Santa Venera,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 9th January, 2026, following a request of Edmond Camilleri it was ordered, that deputy curators be appointed in the interest and to represent the direct owners in the acts of the schedule of deposit number 40/2026, in the names Edmond Camilleri vs Deputy Curators and in other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent and sub-groundrent number 40/2026 in the name of Edmond Camilleri, son of Joseph Camilleri and Emanuela sive Lily née Darmanin born in Melbourne, Australia, and

detentur tal-karta tal-identità bin-numru 408082M vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Paola sive Paul Brimmer inkwantu għal 11/12 dirett dominju u 1/12 sub-dirett dominju; lill-eredi mhux magħrufa ta' Alice Mercieca née Frendo inkwantu għal 1/12 dirett dominju u lill-eredi mhux magħrufa ta' Joseph Scicluna Calleja inkwantu għas-subdirett dominju, ippreżentata fis-7 ta' Jannar, 2026, fejn Edmond Camilleri, iben Joseph Camilleri u Emanuela sive Lily née Darmanin, imwielda Melbourne Australja u residenti Santa Venera (KI 408082M) qed jesponi bir-rispett illi:

1) L-esponenti huwa s-sid tal-proprjetà ossija l-flat bin-numru wieħed (1), fil-blokka ta' appartamenti bin-numru uffiċjali dsatax (19), fi Triq il-Brunzar, Santa Venera, kif aħjar deskritt fil-kuntratt datat il-31 ta' Marzu, 1978, in atti tan-Nutar Dott. George Cassar, liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';

2) Permezz tal-kuntratt sopra indikat, Joseph u Emanuela Camilleri née Darmanin, ossija l-ġenituri tal-esponenti, akkwistaw mingħand Joseph Scicluna Calleja l-proprjetà de quo, kif suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm 5.10), li huma ekwivalenti għal ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€11.88);

3) Din il-proprjetà sussegwenti għaddiet lill-esponenti, wara illi ġew neqsin il-konjuġi Camilleri, permezz ta' testment tas-17 ta' Settembru, 1975, in atti tan-Nutar Dott. George Cassar, liema testment qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. B';

4) Dan iċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm 5.10), ekwivalenti għal ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€11.88), huwa dovut u pagabbli lill-intimati msemmija;

5) Din il-proprjetà tal-esponenti deskritta hawn fuq tinsab murija fuq il-Land Registry Site Plan hawn fuq annessa u mmarkata bħala 'Dok. Ċ';

6) Oriġinarjament, is-sit li fuqu tinsab mibnija l-proprjetà imsemmija kienet ġiet konċessa b'titolu ta' enfitewsi perpetwa mill-poter ta' Dott. Enrico Frendo, Maria Frendo, Teresina Calleja Schembri née Frendo, Beatrice Trefess née Frendo, P.L. Eduardo Frendo, Paolo Frendo u Dott. Agostino Gauci Maistre bħala Prokuratur ta' Alice Mercieca née Frendo, lil Paolo sive Paul Brimmer, permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Emmanuele Agius datat is-16 ta' Marzu, 1937, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. D';

7) Permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Cachia datat it-2 ta' Lulju, 1962, iċ-ċens oriġinali tas-sit in kwistjoni ġie mifdi minn Paolo sive Paul Brimmer inkwantu għal ħdax-il dodiċeżimu (11/12) indiviż, kopja

residing in Santa Venera, holder of identity card bearing number 408082M vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Paola sive Paul Brimmer as regards the 11/12 direct dominium and 1/12 sub direct dominium; the unknown heirs of Alice Mercieca née Frendo as regards the 1/12 direct dominium and the unknown heirs of Joseph Scicluna Calleja as regards the sub-direct dominium, filed on the 7th January, 2026, whereby the applicant Edmond Camilleri, son of Joseph Camilleri and Emanuela sive Lily née Darmanin, born in Melbourne Australia and residing in Santa Venera (ID 408082M) respectfully pleads that:

1) The applicant is the owner of the property that is the flat with number one (1), in the block of apartments with official number nineteen (19), in Triq il-Brunzar, Santa Venera, as better described in the contract dated 31st March, 1978, in the records of Notary Dr George Cassar, which contract is hereby attached and marked as 'Doc. A';

2) By means of the above-mentioned contract, Joseph and Emanuela Camilleri née Darmanin, or rather the parents of the applicants, acquired from Joseph Scicluna Calleja the property de quo, as subject to the annual and perpetual groundrent of five Maltese liri and ten cents (Lm 5.10), which are equivalent to eleven euro and eighty-eight cents (€11.88);

3) This property subsequently passed on to the applicants, after the death of spouses Camilleri, by means of a will of the 17th of September, 1975, in the records of Notary Dr George Cassar, which will is here attached and marked as 'Doc. B';

4) This annual and perpetual groundrent of five Maltese liri and ten cents (Lm 5.10), equivalent to eleven euro and eighty-eight cents (€11.88), is due and payable to the respondents mentioned;

5) This property of the applicant described above is shown on the Land Registry site Plan above attached and marked as 'Doc. C';

6) Originally, the site on which the property was built was granted perpetual emphyteusis from the power of Dr Enrico Frendo, Maria Frendo, Teresina Calleja Schembri née Frendo, Beatrice Trefess née Frendo, P.L. Eduardo Frendo, Paolo Frendo and Dr Agostino Gauci Maistre as Procurator of Alice Mercieca Frendo, Paolo sive Paul Brimmer, by means of a contract of emphyteutical concession published in the records of Notary Dr Emmanuele Agius dated 16th March, 1937, a copy of which contract is hereby attached and marked as 'Doc. D';

7) By means of a contract published in the records of Notary Dr Joseph Cachia dated 2nd July, 1962, the original groundrent of the site in question was redeemed by Paolo sive Paul Brimmer as for eleven parts of twelve (11/12)

ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. E'. Il-porzjon rimanenti ta' wieħed minn tnax (11/12) tad-dirett dominju baqa' jappartjeni lil Alice Mercieca née Frendo;

8) Sussegwentement, permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. John Tabone Adami datat l-10 ta' April, 1963, Paolo sive Paul Brimmer ikkonċeda s-sit inkwistjoni lil Francis Mifsud taħt titolu ta' enfitewsi, inkwantu għal ħdax-il dodiċeżimu (11/12) indiviż u taħt titolu ta' subenfitewsi inkwantu għal wieħed minn tnax (1/12), kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. F';

9) Paul Brimmer u Francis Mifsud, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Anthony Gatt datat il-15 ta' Diċembru, 1964, ikkonċedew l-istess sit lil Joseph Scicluna Calleja taħt titolu ta' subenfitewsi, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn anness u mmarkata bħala 'Dok. Ġ';

10) Kontestwalment ma' din iċ-ċedola, l-esponenti qiegħed jintavola rikors b'talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru flok is-sid u/jew sidien taċ-ċens mhux magħrufa. L-aħħar ċens dovut tħallas fl-4 ta' Frar, 2016, fis-somma ta' erbgħa u sebgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€74.52) għall-perjodu mill-10 ta' April, 2015 sad-9 ta' April, 2017, kopja ta' liema rċevuta tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. H';

11) L-esponenti illum jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta) u jifdi l-imsemmi ċens u subċens annwu u perpetwu gravanti l-proprjetà tal-esponenti kif deskritta 'l fuq, ta' ħames liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm5.10) li huma ekwivalenti għal ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€11.88);

12) Is-somma ta' ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€11.88) kapitalizzati bir-rata ta' tlieta punt ħamsa fil-mija (3.5%), skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Tabone Adami tal-10 ta' April, 1963, tammonta għal tliet mija u disgħa u tletin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€339.53);

13) Inoltre, permezz tal-preżenti ċedola ta' depożitu, l-esponenti qiegħed jiddepożita wkoll a favur l-intimati, is-somma ta' ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€11.88) inkwantu ħlas ta' laudemium, kif ukoll is-somma ta' disgħa u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmi (€59.40) rappreżentanti l-ħlas tal-aħħar ħames (5) snin arretrati tal-imsemmi ċens u subċens.

Għaldaqstant, l-esponent qiegħed umilment jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddi sabiex jiddepożita a favur l-initmati s-somma globali ta' erba' mija u għaxar ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€410.81), liema somma għandha tiġi żbankata minn min għandu interess

undivided share, a copy of which contract is hereby attached and marked as 'Doc. E'. The remaining portion of one twelfth (1/12) of the direct dominium still belongs to Alice Mercieca née Frendo;

8) Subsequently, by means of a contract published in the records of Notary Doctor John Tabone Adami dated 10th April, 1963, Paolo sive Paul Brimmer granted the site in question to Francis Mifsud under title of emphyteusis, as for eleven part of twelve(11/12) undivided share and under title of sub emphyteusis as for one twelfth (1/12), as results from the said contract hereby attached and marked as 'Doc. F';

9) Paul Brimmer and Francis Mifsud, in virtue of a contract in the records of Notary Doctor Anthony Gatt dated 15th December, 1964, granted the same site to Joseph Scicluna Calleja under the title of sub-emphyteusis, a copy of which contract is hereby attached and marked as 'Doc. G';

10) Together with this schedule of deposit, the applicant is filing an application with a request for the appointment of deputy curators to appear instead of the unknown owner and/or owners of the groundrent. The last groundrent due was paid on the 4th of February, 2016, in the sum of seventy-four euro and fifty-two cents (€74.52) for the period from the 10th of April, 2015 till the 9th of April, 2017, a copy of which receipt is hereby attached and marked as 'Doc. H';

11) The applicant today wishes to avail himself of the faculty given to him in terms of Article 1501 of the Civil Code (Cap.16 of the Laws of Malta) and redeem the said annual and perpetual groundrent and sub-groundrent burdening the property of the applicant as described above, of five Maltese liri and ten cents (Lm5.10) which are equivalent to eleven euro and eighty eight cents (€11.88);

12) The sum of eleven euro and eighty-eight cents (€11.88) capitalised at the rate of three-point five percent (3.5%), according to the contract in the records of Notary Dr John Tabone Adami of the 10th April, 1963, amounts to three hundred and thirty-nine euro and fifty three cents (€339.53);

13) By means of the present schedule of deposit, the applicant is also depositing in favour of the respondents, the sum of eleven euro and eighty eight cents (€11.88) as payment of laudemium, as well as the sum of fifty nine euro and forty cents (€59.40) representing the payment of the last five (5) years arrears of the said groundrent and sub-groundrent.

Therefore, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing in favour of the respondents the global sum of four hundred and ten euro and eighty one cents (€410.81), which sum is to be withdrawn by whoever has an interest in it, upon proof

għaliha, mal-prova tat-titolu tagħhom lir-Reġistratur tal-Qorti, u wara li dawn iħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

B'hekk spiċċat l-obbligazzjoni għall-ħlas taċ-ċens u subċens hawn fuq imsemmija.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Onda Building, Triq Aldo Moro, Il-Marsa
Kuratur Deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti fil-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Dott. Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi

Illum 9 ta' Jannar, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Thus, the obligation for the payment of the groundrent and sub-groundrent above mentioned ended.

Notification: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Onda Building, Triq Aldo Moro, Marsa
Deputy Curators, Law Courts, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Delivered by the Superior Court referred to above by the testimony of Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 9th January, 2026

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

703

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2025, fuq talba ta' Emanuel Grech and Company Limited ġie ordnat, biex tappunta kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi u jirrappreżentaw l-interessi tas-sidien li mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 295/2025, fl-ismijiet Emanuel Grech and Company Limited vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depożitu u ta' fidi ta' ċens numru 295/2025 ta' Emanuel Grech and Company Limited (C7200) vs Kuraturi Deputati rappreżentanti sidien mhux magħrufa,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 7th February, 2025, following a request of Emanuel Grech and Company Limited it was ordered, to appoint deputy curators to protect the interests and represent the interests of the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 295/2025, in the names Emanuel Grech and Company Limited vs Deputy Curators to represent in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of ground rent number 295/2025 filed on the 6th February, 2025, in the names Emanuel Grech and Company Limited

ippreżentata fis-6 ta' Frar, 2025, fejn Emanuel Grech and Company Limited (C7200) tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti hija l-proprjetarja tal-fond internament numerat bħala 2, li jinkludi washroom, u nofs indiviż tal-bejt flimkien mal-arja relattiva tiegħu u jifforma parti mill-blokka uffiċjalment numerata 123, ġja 55, u tal-garaxx numerat 125, ġja 56, fi Triq Saint Helen, Tas-Sliema;

Illi s-soċjetà' esponenti akkwistat il-kamra numerata 55 bl-arja relattiva tagħha minn Emanuel Grech permezz tal-att tal-bejgħ ippubblikat fl-atti tan-Nutar Pierre Attard datat is-6 ta' Frar, 1985 (kopja hawn annessa bħala Dok. A). Din il-kamra kienet suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu li jammonta għal Lm0.94 illum ekwivalenti għal 2.19 ewro;

Is-soċjetà esponenti akkwistat ukoll 58 metru kwadru ta' arja relattiva fuq il-fond numru 56 libera u franka mingħand Micallef Estates Limited permezz ta' att datat 2 ta' Marzu, 2000. Din l-arja flimkien mal-kamra numerata 55 ġew żviluppati fi blokka ta' tliet garaxxijiet u żewġ appartamenti, li l-proprjetà fuq imsemmija internament immarkata bin-numru tnejn (2) hi waħda minnhom, u li huma suġġetti għal ċens;

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bis-saħħa tal-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tifdi ċ-ċens relattiv għall-fond hawn fuq imsemmi.

Is-somma ta' żewġ ewro u dsatax-il ċenteżmu (€2.19) kapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), tammonta għas-somma ta' tlieta u erbgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€43.80) biex b'hekk qiegħed jinfeda l-ammont ta' ċens annwu u perpetwu ta' żewġ ewro u dsatax-il ċenteżmu (€2.19 – Lm 0.94) , li jiggrava l-imsemmija proprjetà u dan sabiex tiġi liberament mogħtija lill-intimati kuraturi deputati u dan wara li titħalla d-debita rċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 70, Triq Anton Cassar, Il-Marsa

Notifiki: Kuraturi Deputati, Binja tal-Qorti, Il-Belt Valletta;
Direttur Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

(C7200) vs Deputy Curators representing unknown owners, whereby Emanuel Grech and Company Limited respectfully submitted:

That the applicant is the owner of the premises internally numbered 2, which includes a washroom, and half undivided share of the roof together with its relative airspace and forms part of the block officially numbered 123, previously 55, and of the garage numbered 125, previously 56, in Triq Saint Helen, Tas-Sliema;

That the applicant company acquired the room numbered 55 with its relative airspace from Emanuel Grech by means of a deed of sale published in the records of Notary Pierre Attard dated 6th February, 1985 (copy here attached as Doc. A). This room was subject to the annual and perpetual groundrent amounting to Lm0.94 today equivalent to 2.19 euro;

The applicant company also acquired 58 square metres of relative airspace on the premises number 56 free and unencumbered from Micallef Estates Limited by means of a deed dated 2nd March, 2000. This airspace together with room numbered 55 were developed in a block of three garages and two apartments, of which the abovementioned property internally numbered two (2) is one of them, and which are subject to ground rent;

That the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her in virtue of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and thus redeem the groundrent relative to the premises above mentioned.

The sum of two euro and nineteen cents (€2.19) capitalised at the rate of five per cent (5%), amounts to forty three euro and eighty cents (€43.80) thus redeeming the amount of annual and perpetual ground rent of two euro and nineteen cents (€2.19 – Lm 0.94), imposed on the said property and this so that it be freely given to the respondents deputy curators and this after the due receipt according to law.

Applicant: 70, Triq Anton Cassar, Marsa

Notification: Deputy Curators, Binja tal-Qorti, Valletta

Director of the Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti fil-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Micallef, LLD, Duttur tal-Liġi

Illum 7 ta' Frar 2025.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Delivered by the Superior Court referred to above by the testimony of Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 7th February 2025.

Registry of the Superior Courts, today 6th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

704

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-25 ta' Novembru, 2025, Rikors numru 1111/2025, minn Sharon Fenech Richard et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rita Richard, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Sharon Fenech Richard u Vincienne Xuereb née Richard ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Joseph Mary Richard żewġ Rita Richard née Micallef, iben il-mejtin John Richard u Carmela née Risiott, imwieled Bormla, Malta, kien residenti Raħal Ġdid, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fil-21 ta' Lulju, 2016, ta' 61 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0746554M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 10 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 25th November, 2025, Application number 1111/2025, by Sharon Fenech Richard et whereby they requested that it be declared open in favour of Rita Richard, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Sharon Fenech Richard and Vincienne Xuereb née Richard children of the decujus in equal shares between them the succession of Joseph Mary Richard, husband of Rita Richard née Micallef, son of the late John Richard and Carmela née Risiott, born in Cospicua, Malta, resided in Raħal Ġdid, Maltal, and died in Msida, Malta, on the 21st July, 2016, aged 61, and who held identity card number 0746554M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 10th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

705

B'digriet mogħti mill-Qorti , Prim'Awla fit-18 ta' Frar, 2026 fuq rikors ta' Ritienne Brincat (KI 557484M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 26 ta' Mejju, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall on 18th February, 2026, on the application of Ritienne Brincat (ID 557484M), Tuesday, 26th May, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78, Nearby the Archives, Level -1, Court of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Il-fond bin-numru tnax (12) fi Triq Sunny Aquilina, Bormla, stmat li jiswa mitejn u tletin elf ewro (€230,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Ritienne Brincat (KI 557484M) u Joseph Zaffarese (KI 31373M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 4/2025 u wara sentenza mogħtija fil-ħdax tal-Lulju tas-sena elf disa' mija erbgħa u għoxrin (11.7.2024) mill-Onor. Imħallef Toni Abela, Rikors numru 871/22 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 9 ta' Marzu, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The tenement numbered twelve (12) in Triq Sunny Aquilina, Cospicua, valued at two hundred and thirty thousand euro (€230,000).

by property of Francis Azzopardi, on the north east and on the north by property of Ganni Grech and north west by property of Joseph Sultana or more precise boundaries or successors in title. This property is subject to the payment of two shillings (£0 2/-) annual and perpetual ground rent. This property is indicated in red on the plan and site plan attached to the same schedule of deposit and marked Doc. A, and which property is subject to the equivalent today of twenty three euro cents (€0.23c) annual and perpetual ground rent, and which ground rent the applicants have to redeem in terms of Article 1501 of the Civil Code, and which amount capitalised at the rate of 5% amounts to four euro and sixty euro cents (€4.60c), which is being deposited so that any person entitled thereto may freely withdraw after leaving the due receipt.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

Today the 11 of March, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

717

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Jannar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1136/2025FDP, fl-ismijiet: Catherine Bonnici et vs Antonia Debattista et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Catherine Bonnici (371858M) et vs Antonia Debattista (380961M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Novembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th January, 2025, in the records of the Sworn application number 1136/2025FDP, in the names: Catherine Bonnici et vs Antonia Debattista et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Catherine Bonnici (371858M) et vs Antonia Debattista (380961M) et filed in the Civil Court First Hall on the 6th November, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn l-imsemmija Giovanni Antonio u Caterina sive Catherine konjuġi Zammit billi jiġi ddikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u immobbli li jirriżultaw waqt il-kors tal-kawża;

2. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed mill-assi separati tal-konjuġi Zammit;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Giovanni Antonio Zammit billi jiġu ddikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-beni kollha l-oħra parafernali mobbli u immobbli li jirriżultaw waqt il-kors tal-kawża;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Catherine Zammit billi jiġu ddikjarati jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-ġid l-ieħor parafernali tagħha kif riżultanti waqt il-kors tal-kawża;

5. Tillikwida s-sehem riżervat spettanti lill-atturi fuq il-wirt ta' Giovanni Antonio Zammit u ta' Catherine Zammit rispettivament;

6. Tordna lill-intimati jħallsu lill-atturi dan is-sehem riżervat hekk likwidat fuq il-wirt taż-żewġ ġenituri, nieqes biss il-ħlas li kien sar fis-snin preċedenti limitatament fuq il-wirt ta' Giovanni Antonio Zammit kif ingħad, flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-istess.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1136/2025FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-22 ta' April, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Anna Aquilina (376856M), Clear Water Mansions, Blk A, Maisonette 1, Triq in-Nadur, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Marzu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Liquidate the Community of acquests existing between the said Giovanni Antonio and Caterina sive Catherine spouses Zammit by declaring that it consists of those movable and immovable property which result during the course of the cause;

2. Divide the Community of acquests so liquidated into two equal portions which are assigned one each of the separate assets of the spouses Zammit;

3. Liquidate the particular assets of Giovanni Antonio Zammit by declaring that they consist of one half of the Community of acquests so liquidated and all other paraphernal movable and immovable property which results during the course of the cause;

4. Liquidate the particular assets of Catherine Zammit by declaring that they consist of half the Community of acquests so liquidated and her other paraphernal property as results during the course of the cause;

5. Liquidate the reserved share due to the plaintiffs on the inheritance of Giovanni Antonio Zammit and Catherine Zammit respectively;

6. Order the respondents to pay the plaintiffs this reserved share so liquidated on the inheritance of the two parents, minus only the payment which had been made in the previous years limitedly on the inheritance of Giovanni Antonio Zammit as stated, together with interests on the same.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 1136/2025FDP in the names mentioned above is postponed to the 22nd April, 2026, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Anna Aquilina (376856M), Clear Water Mansions, Blk A, Maisonette 1, Triq in-Nadur, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 11th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

718

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-20 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 225/2026AD, fl-ismijiet: Alexander De Mercur et vs Gabriel De Mercur, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Alexander De Mercur (passaport Britanniku numru 560912278) et vs Gabriel De

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 20th February, 2025, in the records of the Sworn application number 225/2026AD, in the names: Alexander de Mercur et vs Gabriel de Mercur, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names Alexander de Mercur (British passport number 560912278) et vs Gabriel

Mercur (passaport Kanadiz numru HM615907) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Frar, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tappunta r-rikors għas-smigħ;

2. Toħroġ u takkorda l-mandat in procinto kontemplat fl-artikolu 338G tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Toħroġ dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur li hija tqis neċessarji sabiex jiġu eżegwiti l-ordnijiet li hemm fis-sentenza 'Cost Order' fl-ismijiet Gabriel De Mercur and Murray Hugman Solicitors and Alexander De Mercur mogħti fit-23 ta' Ottubru, 2024, mill-Crown Court fi Croydon fir-Renju Unit kif preseduta mill-Onorevoli Mħallef Elizabeth Lowe;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 225/2026AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-24 ta' Marzu, 2026, fil-12.15 a.m.

Notifika Intimat: Gabriel De Mercur (passaport Kanadiz numru HM615907), Hacienda, Flat 6, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Marzu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

de Mercur (Canadian passport number HM615907) filed in the Civil Court, First Hall, on the 13th February, 2026, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Appoint the application for hearing;

2. Issue and grant the warrant in procinto contemplated in Article 338G of Cap. 12 of the Laws of Malta;

3. Issue such orders to the Registrar as it deems necessary in order to execute the orders contained in the judgement 'cost order' in the names Gabriel de Mercur and Murray Hugman solicitors and Alexander de Mercur given on the 23rd October, 2024, by the Crown Court in Croydon in the United Kingdom as presided by the Honourable Judge Elizabeth Lowe;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 225/2026AD in the names mentioned above is postponed to the 24th March, 2026, at 12.15 a.m.

Notification respondent: Gabriel de Mercur (Canadian passport number HM615907), Hacienda, Flat 6, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 11th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

719

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 168/2025AB, fl-ismijiet: Elizabeth sive Alice Pisani, Maria Stella Cortis, Mary Abela, Maria Concetta Gatt née Grima, Amanda Portelli, Sandra Portelli, Victor Frank Gatt, Carmel Hanrahan née Gatt, Lawrence Gatt, John Gatt, Mary Stella Mercieca, Mary Rose Briffa, Joseph Zammit, Lorenza sive Laura Pace, Pauline sive Paulette Zammit, Josephine Baron vs Permezz ta' digriet datat is-26 ta' Awwissu, 2025, il-Qorti tinnomina lill-Av. Elaine Degiorgio u lill-PL Veronica Rossignaud kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa u/jew injoti tas-sehem indiviż ta' 2/18 mill-intier tal-fond bin-numru 56, Triq Orlando, Ix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kapitlu 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Elizabeth sive Alice Pisani (KI 978345M), Maria Stella Cortis (KI 327247M), Mary Abela (KI 1001445M), Maria Concetta Gatt née Grima (KI 180058M), Amanda Portelli (KI 211279M), Sandra Portelli (KI 513373M), Victor Frank Gatt (numru tal-passaport RA2929631), Carmel Hanrahan née Gatt (numru tal-passaport PA4588857U), Lawrence Gatt (KI 582047M),

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th February, 2025, in the records of the Sworn application number 168/2025AB, in the names: Elizabeth sive Alice Pisani, Maria Stella Cortis, Mary Abela, Maria Concetta Gatt née 'Grima, Amanda Portelli, Sandra Portelli, Victor Frank Gatt, Carmel Hanrahan née Gatt, Lawrence Gatt, John Gatt, Mary Stella Mercieca, Mary Rose Briffa, Joseph Zammit, Lorenza sive Laura Pace, Pauline sive Paulette Zammit, Josephine Baron vs by decree dated 26th August, 2025, the Court nominates Adv. Elaine Degiorgio and PL Veronica Rossignaud deputy curators to represent the unknown and/or unknown owners of the undivided share of 2/18 of the whole of the premises with number 56, Triq Orlando, Xgħajra, limits of Ħaż-Żabbar, the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap. 16, to serve as a notification against the respondent.

By means of an application in the names: Elizabeth sive Alice Pisani (ID 978345M), Maria Stella Cortis (ID 327247M), Mary Abela (ID 1001445M), Maria Concetta Gatt née Grima (ID 180058M), Amanda Portelli (ID 211279M), Sandra Portelli (ID 513373M), Victor Frank Gatt (passport number RA2929631), Carmel Hanrahan née Gatt (passport number PA4588857U), Lawrence Gatt (ID

John Gatt (KI 343445M), Mary Stella Mercieca (KI 344854M), Mary Rose Briffa (KI 460455M), Joseph Zammit (passaport Malti numru 1357015), Lorenza sive Laura Pace (KI 99459M), Pauline sive Paulette Zammit (KI 273464M), Josephine Baron (KI 369740M) vs permezz ta' digriet datat is-26 ta' Awwissu, 2025, il-Qorti tinnomina lill-Av. Elaine Degiorgio u lill-PL Veronica Rossignaud Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa u/jew injoti tas-sehem indiviż ta' 2/18 mill-intier tal-fond bin-numru 56, Triq Orlando, Ix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Frar, 2025, permezz ta' rikors konġunt ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16, ta' Josephine Baron (KI 369740M) bir-rispett jesponu:

Illi r-rikorrenti qegħdin jippreżentaw dan ir-rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi r-rikorrenti huma lkoll werrieta u komproprjetarji tad-dar bl-indirizz numru 56, Triq Orlando, Ix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar, fis-sehem ta' iktar minn nofs (1/2) indiviż tal-fond, u dan fl-ishma kif se jiġu umilment indikati fil-prospett hawn taħt anness u mmarkat bħala Dok. A (vide wkoll kopja tar-riċerki li juru l-provenjenza tal-istess ishma hawn taħt annessa u mmarkata bħala Dok. B);

Illi skont l-arblu ġeneoloġiku mfassal min-natura Dott. Maria Mifsud Bonnici kif anness mar-riċerki hawn taħt immarkati ġja bħala Dok. B, din il-proprjetà kienet oriġinarjament tappartjeni fis-sħiħ lil Michele Scicluna matul iż-żwieġ tiegħu ma' martu Giuseppa née Attard, minn liema żwieġ twieldu tlett itfal u ċoè:

a) Maria Stella Zahra, li premoriet il-ġenituri tagħha nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena, 1933, u li b'hekk wirtu s-sehem tagħha ta' terz (1/3) s-sitt uliedha direttament mingħand in-nanniet tagħhom,

b) Paolina Bartolo, li mietet xebba u mingħajr tfal nhar l-erbgħa (4) ta' Awwissu tas-sena, 1980, u li skont it-testment tagħha tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju, 1979, fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Sciberras, ħalliet sehemha ta' terz (1/3) b'titolu ta' prelegat lin-neputi tagħha Emanuel Zahra (kif jemerġi anke mill-att ta' immissjoni fil-pussess datat id-disgħa (9) ta' Ġunju, 1997, fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Tabone), u

c) Carmela Baron, li mietet intestata nhar id-disgħa (9) ta' Frar tas-sena, 1969, u li wirtuha fis-sehem tagħha ta' terz (1/3) uliedha Mary Baron (li mietet xebba u bla tfal nhar il-ħdax (11) ta' Novembru, 1991, u Josephine Baron (rikorrenti);

Illi s-sitt itfal ta' Maria Stella Zahra wirtu lin-nanniet tagħhom fis-sehem indiviż il-wieħed ta' diċotteżimu (1/18) u dan in virtù tat-testment unica charta datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru tas-sena, 1928, fl-atti tan-Nutar Dott. Salvatore Cauchi. Dawn is-sitt ulied emerġew mir-riċerki li kienu Mary Shepard, Josephine Abela, Emanuel Zahra, Frank Zahra, Rita Gatt u Vincenza Zammit, u jirriżulta wkoll illi:

582047M), John Gatt (ID 343445M), Mary Stella Mercieca (ID 344854M), Mary Rose Briffa (ID 460455M), Joseph Zammit (Maltese passport number. 1357015), Lorenza sive Laura Pace (ID 99459M), Pauline sive Paulette Zammit (ID 273464M), Josephine Baron (ID 369740M) vs by means of a decree dated 26th August, 2025, the Court nominates Adv. Elaine Degiorgio and PL Veronica Rossignaud Deputy Curators to represent the unknown and/or unknown owners of the undivided share of 2/18 of the whole tenement number 56, Triq Orlando, Xgħajra, limits of Ħaż-Żabbar, filed in the Civil Court, First Hall on the 26th February, 2025, by means of a joint application in terms of Article 495A of Cap. 16, of Josephine Baron (ID 369740M) respectfully submitted:

That the applicants are filing this application in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

That the applicants are all heirs and co-owners of the house with address number 56, Triq Orlando, Ix-Xgħajra, limits of Ħaż-Żabbar, in the share of more than half undivided (1/2) of the premises, and this in the shares as will be humbly indicated in the prospectus hereunder attached and marked as Doc. A (vide also a copy of the searches showing the provenance of the same shares hereunder attached and marked as Doc. B);

That according to the genealogical pole drawn up by nature Dr Maria Mifsud Bonnici as attached with the researches hereunder marked as Doc. B, this property originally belonged in full to Michele Scicluna during his marriage with his wife Giuseppa née Attard, from which marriage three children were born and namely:

a) Maria Stella Zahra, who presided over her parents on the 17th January, 1933, and who thus inherited her share of a third party (1/3) her six children directly from their grandparents,

b) Paolina Bartolo, who died unmarried and without children on the 4th August, 1980, and according to her will of the 22nd May, 1979, in the acts of Notary Dr Joseph Sciberras, left her share of one third (1/3) by title of prelegacy to her nephew Emanuel Zahra (as also results from the act of immission in possession dated ninth (9th) June, 1997, in the records of Notary Dr Joseph Tabone), and

c) Carmela Baron, who died intestate on the 9th February, 1969, and inherited her as a third (1/3) of her children Mary Baron (who died unmarried and childless on the 11th November, 1991, and Josephine Baron (applicant);

That the six children of Maria Stella Zahra inherited their grandparents in the undivided share of the one of dicocytotesm (1/18) and this in virtue of the will unica charta dated twenty-first (21) of December of the year, 1928, in the records of Notary doctor Salvatore Cauchi. These six children emerged from researches which were Mary Shepard, Josephine Abela, Emanuel Zahra, Frank Zahra, Rita Gatt and Vincenza Zammit, and it also results that:

a) Mary Shepard mietet barra minn Malta u l-eredi tagħha mhumiex magħrufa,

b) Josephine Abela mietet nhar l-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena 2006 u skont it-testment tagħha datat is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu, 1996, fl-atti tan-Nutar Dott. William Azzopardi, wirtuha t-tliet uliedha Elizabeth sive Alice Pisani (rikorrenti), Stella Cortis (rikorrenti) u Paul Abela. Paul Abela miet nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu, 2017, u skont it-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Dott. William Azzopardi tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) wirtitu martu Mary Abela,

c) Emanuel Zahra miet nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju, 2012, u skont it-testment tiegħu datat is-sebgħa (7) ta' Mejju, 1979, fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Sciberras, wirtitu martu Mary Zahra. Mary Zahra imbagħad ġiet nieqsa nhar it-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena 2020, u skont it-testment tagħha tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena 2013 fl-atti tan-Nutar Dott. Rosella Sciberras, wirtitha n-neputija Maria Concetta Gatt (rikorrenti) u wlied bintha l-premorta l-oħra Mary Portelli, ċoè Amanda Portelli (rikorrenti) u Sandra Portelli (rikorrenti),

d) Frank Zahra miet barra minn Malta u l-eredi tiegħu mhumiex magħrufa,

e) Rita Gatt mietet nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru tas-sena, 1986, u ssuċċedewha wliedha Victor Gatt (rikorrenti), John Gatt (rikorrenti), Lawrence Gatt (rikorrenti) u Carmel Hanrahan (rikorrenti),

f) Vincenza Zammit mietet nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena 2019 u skont it-testment tagħha datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, 2016, fl-atti tan-Nutar Dott. Rosella Scibberas, wirtuha wliedha Mary Stella Mercieca (rikorrenti), Mary Rose Briffa (rikorrenti), Laura sive Lorenza Pace (rikorrenti), Paulette Zammit (rikorrenti) u Joseph Zammit (rikorrenti);

Illi għalhekk lir-rikorrenti jappartjenu, b'mod imqarreb u ai termini tar-riċerki tan-Nutara sopraskritta, is-sehem ta' tmienja minn disgħa (8/9) indiviż tal-fond in meritu, filwaqt li s-sehem ta' tnejn minn tmintax (2/18) ma jappertjenix lir-rikorrenti iżda jappartjenu f'diċotteżimu (1/18) lill-eredi mhux magħrufa ta' Mary Shepard u f'diċotteżimu (1/18) ieħor lill-eredi mhux magħrufa ta' Frank Zahra;

Illi ai termini tal-konvenju datat it-tletin (30) ta' Ottubru, 2024, fl-atti tan-Nutar Dott. Maria Mifsud Bonnici, din il-maġġoranza fuq deskritt lil Dale Theuma Whitelaw, detentur tal-karta tal-identità numerata 355691M, li aċċetta li jixtri u jakkwista l-istess fond u dan versu l-prezz kumplessiv ta' mija u ħamsa u sittin elf ewro (€165,000) u bit-termini u kundizzjonijiet imniżżlin fl-istess konvenju kif indikati fil-kopja tal-konvenju li qiegħda tiġi hawn taħt annessa u mmarkata bħala Dok. C, senjatament iżda mhux limitatament li tiġi istitwita l-kawża odjerna;

a) Mary Shepard died abroad and her heirs are unknown,

b) Josephine Abela died on the 4th February 2006 and according to her will dated the 26th March, 1996, in the records of Notary Dr William Azzopardi, her three children Elizabeth sive Alice Pisani (applicant), Stella Cortis (applicant) and Paul Abela inherited her. Paul Abela died on the twenty-second (22) of March, 2017, and according to his will in the records of Notary Dr William Azzopardi of the seventeenth (17) of May of the year two thousand and six (2006) his wife Mary Abela inherited him,

c) Emanuel Zahra died on the 11th June, 2012, and according to his will dated 7th May, 1979, in the records of Notary Dr Joseph Sciberras, his wife Mary Zahra inherited him. Mary Zahra then died on the 2nd September of the year 2020, and according to her will of the 13th February of the year 2013 in the records of Notary Dr Rosella Sciberras, her niece Maria Concetta Gatt (applicant) and the children of her other prelate daughter Mary Portelli, namely Amanda Portelli (applicant) and Sandra Portelli (applicant) inherited her,

d) Frank Zahra died abroad and his heirs are unknown,

e) Rita Gatt died on the twenty-ninth (29) December, 1986, and was succeeded by her children Victor Gatt (applicant), John Gatt (applicant), Lawrence Gatt (applicant) and Carmel Hanrahan (applicant),

f) Vincenza Zammit died on the nineteenth (19) of January 2019 and according to her will dated twenty-first (21) of November, 2016, in the records of Notary Dr Rosella Scibberas, her children Mary Stella Mercieca (applicant), Mary Rose Briffa (applicant), Laura sive Lorenza Pace (applicant), Paulette Zammit (applicant) and Joseph Zammit (applicant) inherited her;

That thus the applicants belong, in a close manner and in terms of the researches of the undermentioned Notaries, the share of eight out of nine (8/9) undivided share of the premises 'in merit, whilst the share of two out of eighteen (2/18) does not belong to the applicants but belongs in a (1/18) dicocestine to the unknown heirs of Mary Shepard and in another (1/18) dicocestine to the unknown heirs of Frank Zahra;

That in terms of the preliminary agreement dated thirty (30) October, 2024, in the records of Notary Dr Maria Mifsud Bonnici, this majority above described to Dale Theuma Whitelaw, holder of identity card number 355691M, who accepted to buy and acquire the same premises and this for the overall price of one hundred and sixty five thousand euro (€165,000) and with the terms and conditions laid down in the same preliminary agreement as indicated in the a copy of the preliminary agreement which is being hereunder attached and marked as Doc. C, especially but not limitedly to institute the present cause;

Illi għalhekk, is-sidien rikorrenti qegħdin jiddikjaraw li huma jaqblu bil-ġurament tagħhom, kif anke rifless fil-konvenju de quo, li jsir il-bejgħ tad-dar bl-indirizz ta' 56, Triq Orlando, Ix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar;

Illi madankollu jemerġi li billi hemm sidien ċoè kowerrieta oħra mhux magħrufa oħra mhux magħrufa/injoti, ma jeżistix il-qbil unanimu u espress tas-sidien kollha għall-bejgħ tad-dar numru 56, Triq Orlando, Ix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi l-istess proprjetà ilha in komunjoni bejn il-partijiet għal aktar minn tliet (3) snin u ħadd minnhom ma beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-istess proprjetà, u li l-prezz indikat fil-konvenju premess u ċoè dak ta' mija u ħamsa u sittin elf ewro (€165,000) huwa l-ogħla prezz li sabu, u huwa wieħed miftiehem, reali u ġust;

Illi l-bejgħ ta' din il-proprjetà se jkun a benefiċċju tal-partijiet kollha inkluż il-werrieta mhux magħrufa u/jew injoti u għalhekk tal-aħħar mhumiex se jiġu gravement preġudikati bil-proċediment tal-bejgħ ai termini tal-konvenju surriferit;

Illi permezz tal-prokura speċjali wkoll datata t-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena 2024 (hawn taħt annessa u mmarkata bħala Dok. D), ir-rikorrenti awtorizzaw lil Dale Theuma Whitelaw sabiex jidher u jagixxi għan-nom tagħhom fir-rigward tal-intavolar ta' kwalunkwe att ġudizzjarju, jidher fi kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji u jieħu l-ġurament għan-nom tagħhom sabiex jintavola kwalunkwe att ġudizzjarju jew iwettaq kwalunkwe att ieħor neċessarju għal dawn il-finijiet u għalhekk ai termini tal-istess prokura Dale Theuma Whitelaw għandu l-awtorizzazzjoni sabiex jaħlef r-rikors odjern għan-nom tagħhom;

Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża kif maħsub fl-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili;

Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti illi, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tawtorizza l-prosegwiment tal-bejgħ tad-dar bl-indirizz ta' 56, Triq Orlando, Ix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar, inkluż l-arja u s-sottoswol tagħha u inkluż ukoll bir, skont il-prezz, termini u kundizzjonijiet tal-konvenju datat it-tletin (30) ta' Ottubru, 2024 , fl-atti tan-Nutar Dott. Maria Mifsud Bonnici, u dan a favur ta' Dale Theuma Whitelaw;

2. Tordna l-pubblikazzjoni tal-imsemmi bejgħ min-Nutar Dott. Maria Mifsud Bonnici u dan fil-ħin, lok u jum li jogħġobha tippreffiġġi;

That thus, the applicant owners are declaring that they agree on oath, as reflected in the promise of sale agreement de quo, that the house with the address of 56, Triq Orlando, Xgħajra, limits of Ħaż-Żabbar be sold;

That however it emerges that as there are owners namely other unknown co-heirs/owners, there does not exist the unanimous and express agreement of all the owners for the sale of the house number 56, Triq Orlando, Xgħajra, limits of Ħaż-Żabbar;

That the applicants declare that the same property has been in common between the parties for more than three (3) years and none of them initiated an action before any court or tribunal for the partition of the same property, and that the price indicated in the promise of sale agreement premised and namely that of one hundred and sixty five thousand euro (€165,000) is the highest price they found, and is agreed, real and fair;

That the sale of this property will be for the benefit of all the parties including the unknown heirs and/or unknown and thus the latter will not be seriously prejudiced by the sale proceeding in terms of the promise of sale agreement above mentioned;

That by means of a special power of attorney also dated thirty (30) October of the year 2024 (hereunder attached and marked as Doc. D), the applicants authorised Dale Theuma Whitelaw to appear and act on their behalf as regards the filing of any judicial act, appear in any judicial proceedings and take the oath on their behalf to file any judicial act or carry out any other act necessary for these purposes and thus in terms of the same power of attorney Dale Theuma Whitelaw has the authorisation to swear the present application on their behalf;

That thus this cause had to be made as contemplated in Article 495A of the Civil Code;

That the applicants know of these facts personally.

Thus, the applicants respectfully pray this Honourable Court that, saving the necessary declarations and after the opportune provisions are given, it deems fit:

1. Authorise the continuation of the sale of the house with the address of 56, Triq Orlando, Xgħajra, limits of Ħaż-Żabbar, including its airspace and subsoil and also including a well, according to the price, terms and conditions of the preliminary agreement dated thirty (30) th October, 2024, in the records of Notary Dr Maria Mifsud Bonnici, and this in favour of Dale Theuma Whitelaw;

2. Order the publication of the said sale by Notary Dr Maria Mifsud Bonnici and this at the time, place and day he deems fit to preach;

3. Taħtar kuraturi deputati għall-kontumaċja sabiex jidhru fuq l-att finali tal-bejgħ kif jista' jogħġobha tordna li jiġi ppubblikat, u dan fil-ħin, lok u jum hekk stabbilit minnha;

4. Tagħti kull ordni u direttiva li jidhrilha xierqa u opportun inkluż dwar kif għandu jinżamm ir-rikavat mill-prezz tal-bejgħ spettanti lill-intimati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 168/2025AB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-2 ta' Ġunju, 2026, fl-11.40 am.

Notifika Intimat: Kuraturi Deputati, 56, Triq Orlando, Ix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Marzu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Appoint deputy curators for default to appear on the final deed of sale as it may order to be published, and this at the time, place and day so established by it;

4. Give any order and directive it deems fit and opportune including on how to keep the proceeds from the sale price due to the respondents.

With costs against the defendants, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 168/2025AB in the names mentioned above is postponed to the 2nd June, 2026, at 11.40 am.

Notification respondent: Deputy Curators, 56, Triq Orlando, Xgħajra, limits of Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts, today 11th March, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

720

ARB/C063/2019 – KANĊELLAZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-17 ta' Frar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Għawdex) (il-Maġistrat Dott. Jean Paul Grech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 56/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Frank Anthony Tabone)

Kontra

GILBERT BEZZINA, kok, ta' 27 sena, bin John u Anne Cordina xebba Costa, imwieled ir-Rabat, Għawdex, fit-8 ta' Awwissu, 1998, residenti f'198, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Ir-Rabat, Għawdex, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 33098G.

Il-Qorti ORDNAT IL-KANĊELLAZZJONI tal-ordni tal-iffriżar maħruġa fuq l-assi ta' GILBERT BEZZINA, liema ordni ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Joseph Mifsud, LLD) permezz ta' digriet iddatat 7 ta' Diċembru, 2019, u li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Novembru, 2019.

Din in-notifika qed tiġi ppubblikata ai termini tal-Artikolu 36 (4)(b)(iii) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

ARB/C063/2019 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 17th February, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Gozo) (Magistrate Dr Jean Paul Grech, LLD). Compilation Number 56/2019, in the case:

The Police
(Inspector Frank Anthony Tabone)

Versus

GILBERT BEZZINA, chef, 27 years, son of John and Anne Cordina née Costa, born in Victoria, Gozo, on the 8th August 1998, residing at 198, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Victoria, Gozo, and holder of Maltese identity card bearing number 33098G.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order issued on the assets of GILBERT BEZZINA, which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Joseph Mifsud, LLD) by a decree dated 7th November, 2019, which was duly published in the Government Gazette of the 19th November, 2019.

This notice is being published in terms of Article 36 (4) (b)(iii) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Illum 9 ta' Marzu, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Ufficju għall-Irkupru tal-Assi

Today 9th March, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

721

ARB/C026/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Frar, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD), fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LIAM STEWART, installatur, ta' 24 sena, iben Bruce Donald Stewart u Lily Anna Stewart xebba Busuttil, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-7 ta' Ottubru, 2001, u residenti f'1, App. Yacht Marina, Block 4, Flat 3, Triq Qrajten, Tal-Pietà, Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 398801L.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil LIAM STEWART sabiex iħallas l-arretrati kollha dovuti sal-lum fir-rigward tal-kont ta' self miżmum mal-HSBC Bank Malta plc, u awtorizzat ukoll sabiex il-ħlasijiet mensili fl-ammont ta' mija u tlieta u disgħin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€193.68) jibqgħu jitħallsu mill-kont bankarju intestat f'isem it-terza persuna msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 23 ta' Frar, 2026, li jispiċċa bin-numru -0648 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Elaine Rizzo, LLD), fis-27 ta' Frar, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-11 ta' Marzu, 2025, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' LIAM STEWART

Illum 11 ta' Marzu, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C026/2025 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd February, 2026, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Edwina Grima, LLD), in the case:

The Republic of Malta

Versus

LIAM STEWART, installer, 24 years, son of Bruce Donald Stewart and Lily Anna Stewart née Busuttil, born in Tal-Pietà, Malta, on the 7th October, 2001, and residing at 1, App. Yacht Marina, Block 4, Flat 3, Triq Qrajten, Tal-Pietà, Malta, and holder of a Maltese identity card bearing number 398801L.

The Court AUTHORISED LIAM STEWART to pay all arrears due to date in relation to the loan account held with HSBC Bank Malta plc, and further authorised that the monthly payments in the amount of one hundred ninety-three Euro and sixty-eight cents (€193.68) shall continue to be paid from the bank account held in the name of the third party mentioned in the Court decree dated 23rd February, 2026, ending in -0648 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Elaine Rizzo, LLD) on the 27th February, 2025, which was published in the Government Gazette on the 11th March, 2025, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to LIAM STEWART

Today 11th March, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

722

ARB/C065/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Frar, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD) fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C065/2024 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th February, 2026, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Neville Camilleri, LLD), in the case:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO;

DENZIL FARRUGIA;

GORDON CASSAR, jaħdem fil-manutenzjoni, ta' 44 sena, iben il-mejjet Carmelo Cassar u Maria Concetta Cassar Delceppo xebba Delceppo, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-22 ta' Novembru, 1979, u residenti f'Thank God, Triq Sir Agostino Portelli, Il-Kalkara, u/jew 23, The Podium Block C, Flat 10, Triq Dun Ġużepp Bonanno, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 551079M.

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY;

U

NICOLAE EFIMOV;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil GORDON CASSAR sabiex iħallas l-ammont ta' tmien mitt ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€800.79) lil Global Insurance Brokers li jirrappreżenta l-liċenzja u l-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura msemmija fir-rikors datat 23 ta' Frar, 2026. Tali ħlas għandu jsir mill-kont bankarju intestat f'isem GORDON CASSAR li jispiċċa bin-numru -0013 u miżmum mal-Bank of Valletta plc, għas-sena 2026 u għal kull sena sussegwenti sakemm l-ordni ta' ffriżar jibqa' fis-seħħ.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Claire Stafrace Zammit, LLD), fit-13 ta' Awwissu, 2024, li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Awwissu, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, Kane Vassallo, GORDON CASSAR, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay, u Nicolae Efimov.

Illum 11 ta' Marzu, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Ufficju għall-Irkupru tal-Assi

The Republic of Malta

Versus

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO;

GORDON CASSAR, maintenance worker, 44 years, son of the late Carmelo Cassar and Maria Concetta Cassar Delceppo née Delceppo, born in Tal-Pietà, Malta, on the 22nd November, 1979, and residing at Thank God, Triq Sir Agostino Portelli, Kalkara, and/or 23, The Podium, Block C, Flat 10, Triq Dun Ġużepp Bonanno, Ħaż-Żebbuġ, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 551079M.

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY

AND

NICOLAE EFIMOV;

The Court AUTHORISED GORDON CASSAR to pay the amount of eight hundred Euro and seventy-nine cents (€800.79) to Global Insurance Brokers representing the licence and insurance policy of the vehicle mentioned in the application dated 23rd February, 2026. Such payment shall be effected from the bank account held in the name of GORDON CASSAR ending in -0013 and held with Bank of Valletta plc, for the year 2026 and for every subsequent year for as long as the freezing order remains in force.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Claire Stafrace Zammit, LLD) on the 13th August, 2024, which was published in the Government Gazette on the 23rd August, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, Kane Vassallo, GORDON CASSAR, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay, and Nicolae Efimov.

Today 11th March, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603